Ħarġa nru. 97 - April 2015

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



## HIBERNIANS CHAMPIONS 2014/15

AKTAR F'PAĠNA 24

• FOOTBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
• SNOOKER • GOZO SPORT • REGATTA
• STORJA TAL-FOOTBALL MALTI

TeamSporT®

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT



UEFA
CHAMPIONS LEAGUE
EXCLUSIVELY ON
GO SPORTS
FOR THE NEXT 3 YEARS
SUBSCRIBE NOW. VISIT OUR OUTLETS, EXCLUSIVE RESELLERS OR CALL US ANYTIME ON FREEPHONE 8007 2121 OR 146 FROM YOUR GO MOBILE.
GO.COM.MT/GOSPORTS



# April 2015

Matul dan tmiem il-ġimgħa jiġu fi tmiemhom diversi Kampjonati fejn dak tal-Premier biss huwa deċiż hekk kif Hibernians, b'mod mill-aktar impressjonanti, rebħu l-11-il titlu fl-istorja tal-club tagħhom u fejn kisru bosta rekords kemm tal-club kif ukoll dawk nazzjonali.

Il-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni huwa missielet bejn il-ġirien Pembroke Athleta u St Andrew's.

Fil-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni, San Gwann jonqoshom punt wieħed biex jiġu dikjarati champions filwaqt li f'dak tat-Tielet Diviżjoni, teżisti possibbiltà li jkun jinħtieġ li tintlagħab partita deċiżiva hekk kif Kirkop United u Mgarr United għandhom l-istess ammont ta' punti fil-quċċata tal-klassifika.

Mix-xena internazzjonali, fil-preliminari tal-Euro 2016, Malta sfat megħluba bl-iskor ta' 2-0 mill-Azerbaijan filwaqt li t-team nazzjonali tan-Nisa falla milli jikkwalifikaw għar-round preliminari tal-Euro 2017.

Finalment, ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien intrebħet għall-ewwel darba minn Birżebbuġa.

Jesmond Moore - Editur





# Irbaħ €25 voucher ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ rigal ġentilment offrut lilna minn Teamsport...

**Għal kemm-il darba Hibernians rebħu l-Kampjonat Malti?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2015:
**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**
Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 96 hija:*
**Il-Kampjonat tal-Korea**

*Ir-rebbieħa hija:*
Alexis Aquilina - Bugibba





CAR | HOME | HEALTH | TRAVEL | BOAT | PET | WEDDING | BUSINESS

# MY TRAVELS

The ideal solution to cover your vacations and business trips.
Travel the world with peace of mind.

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED

Agents for:
MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP
COM NO 250214 820



**Contact Us**
+356 2124 0828
info@laferla.com.mt

**Buy Online**
www.laferla.com.mt

Find us on Facebook

Laferla Insurance Agency Limited, Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.
Tel: 2124 0828 Fax: 2124 6704 www.laferla.com.mt
Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority.






Ħarġa nru **97**
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Sales & Marketing Manager**
Marouska Buttigieg
25900253
mbuttigieg@unionprint.com.mt

**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Sales Persons**
Joseph Xuereb 9980 4283
Jason Giardina 9946 7037

**Ritratti**
Ian Noel Pace
Roger Azzopardi
Joe Borg


*Cover - Clayton Failla fl-azzjoni għal Hibernians kontra Floriana fil-partita li fiha l-Pawlisti saru champions għall-11-il darba fl-istorja tal-club*


UNION PRINT CO. LTD

**SPORTIV huwa ppubblikat minn Union Print Co. Ltd Marsa Tel: 25900216**



**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal L-ORIZZONT fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**


# Werrej


6 **MFA** Il-ħidma tal-MFA matul dan ix-xahar

16 **Malta v Georgia** Goal illeġittimu jisraq wirja sodisfaċenti

18 **Malta v Azarbaijan** Riżultat inġust mal-Maltin

20 **Nisa Euro 2017** Il-Maltin ifallu l-kwalifikazzjoni

22 **Debutt U/15** It-Team Nazzjonali jiddebutta b'rebħa

24 **Kampjonat Premier** Hibernians Champions għall-11-il darba

30 **L-I Diviżjoni** Pembroke A. b'ċans tajjeb li jirbħu l-Kampjonat

31 **It-II Diviżjoni** San Ġwann, Hamrun S. u Senglea A. promossi...

32 **It-III Diviżjoni** Taqtiegħa bejn Kirkop U. u Mġarr U.

33 **Sports & Exercise** Dr Kirill Micallef Stafrace

34 **Youth FA** FSR - U/11 - Rebbieħa ta' Sezzjonijiet - Kamp. U/15 u U/17 u Web ġdida

36 **Gozo Sports** Għajnsielem iwettqu d-double

38 **Meusac** Proġett kontra l-Manipulazzjoni tal-logħob

40 **Snooker/Pool** Brian Cini jasal sal-kwarti finali

42 **Storja Football Malti** Valletta Champions 1959-60

44 **Regatta** Jirbħu Birżebbuġa għall-ewwel darba

46 **'Spot The Ball' u Tisliba**



**mfa.com.mt**

# Luca Pagani
## jippreżenta 'Study Group' fid-Danimarka




Luca Pagani, il-preparatur atletiku tat-tim nazzjonali Malti kien il-mistieden tal-UEFA fid-Danimarka biex jitkellem fi Study Group dwar "Fitness for Football".

Il-UEFA organizzat dan l-Istudy Group flimkien mal-Federazzjoni Daniża u li għalih ipparteċipaw il-Federazzjonijiet tad-Danimarka, tar-Repubblika Ċeka, tal-Iżrael, tal-Estonja, tat-Turkija u ta' Malta.

Il-laqgħat saru fil-bini tal-Federazzjoni Daniża bejn it-30 ta' Marzu u l-1 ta' April u saru sessjonijiet ta' teorija u prattika.

Ma' Pagani, inidrizzaw lil dawk preżenti, Peter Krustrup, Professur tat-Team Sport u assistent tal-kowċ nazzjonali tad-Danimarka tat-tim tan-nisa; Paul Balsom, Performance Manager tat-tim nazzjonali Svediż u tat-tim Ingliż ta' Leicester City; Jan Ekstrand, viċi Chairman tal-UEFA tal-Kumitat Mediku u Peter Rudbaek, Direttur Tekniku u Membru tal-Jira Panel tal-UEFA, fost ħafna oħrajn.

Pagani akkwista ċertifikat fuq il-filosofija u fuq kif jipprepara is-sessjonijiet fiżiċi tal-plejers nazzjonali ta' Malta.

Il-konkorrenza kienet waħda tajba ħafna tant li kienu ħafna dawk li staqsew domandi u wrew ix-xogħol li jwettaq Pagani f'Malta, inkluż il-UEFA li faħħret immens ix-xogħol imwettaq mit-Taljan f'pajjiżna.

L-MFA tifraħ lil Luca Pagani għad-dedikazzjoni u s-serjetá li juri fix-xogħol tiegħu fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA.



© D. Aquilina

# It-tim nazzjonali tan-Nisa jżur ir-Rainbow Ward fl-isptar Mater Dei

It-tim nazzjonali Malti tan-nisa, għamel żjara ta' kortesija fir-Rainbow Ward fl-isptar Mater Dei, fejn iltaqa' mat-tfal li nzertaw qegħdin rikoverati f'dak il-ħin fis-swali.

Din iż-żjara saret ġurnata wara t-tieni rebħa ta' 2-1 kontra l-Georgia minn Grupp 2 ta' Kwalifikazzjoni għall-Kampjonati Ewropej fejn il-plejers nazzjonali, ġiehom il-ħsieb li jagħmlu att ta' karità ma' dawn it-tfal.

Is-Sur Rennie Zerafa, f'isem 'Puttinu Cares', irringrazzja lill-kontinġent Malti tal ħsieb u ż żjara li għamel u qal li attivitajiet bħal dawn jagħtuhom iktar kuraġġ ikomplu jaħdmu f'dan l-ambjent mat-tfal.

Il-plejers nazzjonali, min-naħa tagħhom, sabu anki l-ħin biex jilagħbu mat-tfal bil-ballun li ngħata appposta mill-Assoċjazzjoni. Plejers oħrajn lagħbu anke t-table-soccer.

Il-plejers nazzjonali flimkien mal-kontinġent sħiħ, qassmu rigali lit-tfal fis-swali, bħal flokkijiet tat-tim nazzjonali, posters iffirmati u anki ċikkulata tal-Għid li nxtraw apposta għall-okkażjoni mill-plejers.

Kif spiċċat l-attività, il-kontinġent, mar lura l lukanda fejn kien alloġġjat qabel is-sessjoni ta' taħriġ qabel lagħab l-aħħar partita kontra l-Gżejjer Faroe.



## Nisa - Finali tan-Knock Out Taħt is-16-il sena

# Mġarr jirbħu wara l-għoti tal-penalties



Mgarr United u Gozo FC għalqu l-istaġun 2014/15 fil-kategorija ta' Taħt is-16-il sena bil-finali tan-Knock Out li ntrebħet minn Mgarr Utd li b'hekk għamlu d-'double' għat-tieni staġun konsekuttiv wara li kienu diġà rebħu l-Kampjonat Sezzjoni A. Mgarr rebħu din il-finali bl-iskor ta' 3-1 wara l-għoti tal-penalties wara li l-partita spiċċat fi draw ta' mingħajr gowls, anki jekk iċ-ċansijiet ta' skor kienu ħafna. Minbarra l-wirja li kellhom quddiem pubbliku numeruż, it-tfajliet urew livell ta' futbol tajjeb u dan jawgura li l-bażi hi waħda soda ħafna għall-futur.

Iż-żewġ timijiet kellhom ċansijiet importanti fl-ewwel minuti tal-konfront imma ż-żewġ goalkeepers rispettivi kellhom jintervjenu biex isalvaw il-lasti tagħhom.

Aktar ma għadda l-ħin, iż-żewġ naħat dehru jipprovaw iżommu l-kontroll tal-ballun u l-Għawdxin resqu l-aktar viċin iżda t-tentattiv ta' Maria Farrugia ġie salvat minn Rachel Borg. Qabel il-mistrieħ, Angelique Schembri rat il-konklużjoni tagħha tispiċċa ftit barra mil-lasta avversarja.

It-tieni taqsima kellha aktar sfidi f'nofs il-grawnd. Iż-żewġ naħat bdew joqogħdu aktar attenti fid-difiża u ma riedu jirriskjaw xejn, konxji li jekk isofru gowl kapaċi jitilfu l-partita.

Il-partita marret fil-ħin barrani bl-iskor jibqa' ma jinbidilx u għaldaqstant il-partita spiċċat bl-għoti tal-penalties biex kienu Mgarr li rebħu bl-iskor ta' 3-1 bil-penalty finali jiġi skorjat minn Patricia Ebejer.




# Klabbs Maltin se jgawdu minn żidiet ta' fondi mill-kompetizzjonijiet Ewropej

Nhar it-Tlieta 31 ta' Marzu, fi Stokkolma fl-Isvezja, kien iffirmat ftehim bejn il-UEFA u l-ECA (European Clubs Association) waqt l-14-il laqgħa tal-Assemblea Ġenerali tal-ECA.

Il-ftehim imġedded ikopri l-perjodu sas-sena 2022 u kien imfaħħar għal titjib li mistenni jġib fil-logħba fl-Ewropa.

Id-dettalji huma maħsuba biex tiżdied l-allokazzjoni finanzjara għall-UEFA Champions League u l-UEFA Europa League fir-rounds ta' kwalifikazzjoni u aktar importanti għall-pajjiżi ż-żgħar, fosthom Malta li tifforma parti minnhom.

Dan ifisser li l-klabbs Maltin se jibbenifikaw minn aktar fondi sostanzjali u dan skont l-avvanz tagħhom fil-kompetizzjonijiet

Se tkun addottata sistema tat-tqassim tal-fondi lil dawk il-klabbs li ma jikkwalifikawx fil-Fażi tal-Gruppi taż-żewġ kompetizzjonijiet għall-perjodu bejn l-2015 u l-2018. Dan se jkun jammonta għal 3.5 % tal-fond kollu.

B'kollox ammont ta' €78.6 miljun se jitqassam imqabbel mal-€47.5 miljun li kien jitqassam qabel u li jammonta għal żieda ta' madwar 60%.

Fil-UEFA Champions League klabbs eliminati qabel l-istadju tal-gruppi se jirċievu l-ammonti ta' €200,000, €300,000 u €400,000 skond ir-rawnd li jiġu eliminati fih.

Fil-UEFA Europa League, l-ammonti jvarjaw minn €200,000 sa €230,000.

Il-UEFA se tqassam total ta' €112-il miljun, żieda ta' €82.4 miljun li jirrappreżenta żieda ta' 35 % lill-assoċjazzjonijiet.

Dan minbarra li 80% tal-ammont se jitqassam lill-assoċazzjonijiet u/jew kampjonati bi klabb wieħed fil-gruppi taċ Champions League u 20% se jitqassmu fost dawk li ma jkollhomx tim fil-gruppi.

It-tqassim mhux se jibqa' jsir kollu fuq il-valur tas-suq imma 60% tal-ammont se jitqassmu fost l-assoċazzjonijiet nazzjonali ugwalment u l-40% l-oħra jitqassmu skont il-valur tas-suq.

Dan jiżgura tqassim gust ta' dawn l-ammonti ta' solidarjetà lill-klabbs Ewropej.

# Ippubblikat ir-raba' volum tal-enċiklopedija GOAL dwar il-futbol Malti




Ir-raba' volum tal-enċiklopedija tal-futbol Malti bl-isem ta' GOAL miktuba mill-istoriku dwar il-futbol Malti Carmel Baldacchino, għall-perjodu bejn l-1939 u l-1959, ġiet pubblikata.

Hu ppjanat li x-xogħol tiegħu se jkun mifrux fuq għaxar volumi u hu rikonoxxut mill-MFA bħala l-istorja uffiċjali.

Il-pubblikazzjoni kienet ippreżentata lill-president tal-MFA Norman Darmanin Demajo qabel l-aħħar laqgħa tal-Kunsill tal-MFA mill-awtur Carmel Baldacchino u mir-rappreżentant tal-Horizon bħala pubblikazzjoni, David Bezzina.

Baldacchino u Bezzina ippreżentaw ukoll *chart* bl-ismijiet tal-Presidenti, Segretarji u Teżoriera li ħadmu fl-MFA sa mis-sena tal-fondazzjoni fl-1900.

Ir-raba' volum pubblikat hu dettaljat b'dak li seħħ lejn l-aħħar tas-snin 40 u fil-bidu tas-snin 50 meta l-logħba f'Malta kienet l-aqwa tagħha.

Dawn is-snin kienu l-ewwel snin minn meta reġa' beda jintlagħab il-futbol f'pajjiżna wara t-tieni gwerra dinjija. Is-snin 50 kienu snin ta' abbundanza għall-futbol Malti. Il-livell tal-logħba kien għoli u l-entużjażmu fl-aqwa tiegħu. Il-pubbliku kien jattendi bl-eluf fl-Istadium.

Dawk li kienu fortunati li għexu f'dawk is-snin glorjużi jiftakru b'nostalġija players kbar Maltin li sebbħu l-logħba.

F'dawk is-snin, it-tim tal-Ajax kien simbolu ta' ġenerazzjoni ġdida. L-Ajax kienu tim kbir imma ma kienux waħidhom għax irid jissemma wkoll it-tim kbir li kellhom Sliema Wanderers f'dik l-era u li kien laħaq l-aqwa tiegħu fl-istaġun 1955-56. Kienu qawwija ukoll Valletta, Hibernians u Hamrun Spartans, tliet protagonisti li kienu jagħtu sfida denja lil Sliema Wanderers u lil Floriana.



Dan il-volum jirrakkonta wkoll l-ewwel logħba internazzjonali li qatt lagħbet Malta, dik kontra l-Awstrija, fl-1957. Din il-logħba kienet wittiet it-triq għal aktar logħbiet internazzjonali wara li Malta issieħbet membru mal-FIFA.

F'dan il-volum l-awtur isemmi mumenti glorjużi bħal ma kienet il-final tal-FA Trophy tal-1959. Dan il-volum hu maqsum f'erba partijiet –

1. Il-Futbol f'Malta; 2. It-Tim Nazzjonali; 3. A-Z It-timijiet barranin; 4. A-Z tal-Futbol Malti.

Il-ktieb jista' jinxtara mill-ħwienet ewlenin tal-kotba f'Malta u f'Għawdex.



# Il-Prinċep Ali jitkellem dwar Darmanin Demajo fil-Kungess tal-UEFA

Il-Prinċep Ali tal-Ġordan, fid-diskors tiegħu fil-Kungress tal-UEFA li sar f'Marzu, tkellem dwar il-pjani tiegħu fir-rigward tal-bżonnijiet tal-futbol fl-isfera mondjali.

Il-Prinċep Ali tal-Ġordan se jkun wieħed mill-kontestanti għall-Presidenza tal-FIFA li se ssir ftit tal-jiem oħra u tkellem fil-Kungress fil-preżenza tad-delegazzjoni Maltija li kienet magħmula minn Darmanin Demajo bħala l-President, Bjorn Vassallo, Segretarju Ġenerali u Dr Chris Bonett, Viċi President tal-MFA.

Fid-diskors tiegħu, il-Prinċep qal li jemmen li l-futbol għandu juża l-poteri tiegħu biex tissaħħaħ ir-responsabbiltà soċjali u biex jgħin f'soċjetà aktar miftuħa. Hu żied li dan kollu hu xi ħaġa li se jkun qiegħed jagħmel minn qalbu jekk kemm il darba jingħata l-fiduċja mill-Assoċjazzjonijiet mondjali biex imexxi l-futbol fid-dinja.

"Ninsab grat ħafna lejn kollega u ħabib li kien fil-Ġordan daqs sena ilu u kellimni fuq il-bżonn li l-FIFA taħdem fuq dan kollu. Dan il-kollega u ħabib hu l-President tal-Malta Football Association. Grazzi Norman. Jekk ningħata ċ-ċans se nkun qiegħed nagħmel il ħolma tiegħek u tiegħi realtà," temm il-Prinċep tal-Ġordan.

Malta hi waħda mill-pajjiżi li pproponiet il-kandidatura tal-Prinċep għal din l-elezzjoni tal-FIFA, flimkien mal-Ingilterra, l-Georgia, l-Belarus u l-Istati Uniti tal-Amerika.

# L-ewwel kors UEFA Pro Licence jibda f'Settembru




Iċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, dan l-aħħar organizza laqgħat għall-kowċis kollha li għandhom Liċenzja A għall-ewwel UEFA Pro Licence li se jibda f'Settembru.

L-interess f'dan il-kors huwa inkoraġġanti għax issa l-kowċis Maltin se jkollhom l-opportunità li jakkwistaw l-ogħla liċenzja fil-coaching.

Din hija parti mill-istrateġija tal-MFA li ttejjeb l-edukazzjoni fil-coaching fil-livelli kollha. Dan il-kors huwa twil 422 siegħa imqassam fuq 11-il modulu u moduli oħra ta' valutazzjoni.

Il-kors se jintemm f'April 2017. Il-kontenut tal-kors se jinkludi wkoll żewġ żjajjar lil żewġ klabbs bil-liċenzja Pro u żjara wkoll fil-kwartieri tal-UEFA f'Nyon. Din se tkun esperjenza unika għall-kowċis elite li jistgħu jkomplu l-abbilitajiet tagħhom f'dan il-qasam tal-coaching.

Kandidati li jridu japplikaw irid ikollhom Liċenzja tal-UEFA u jkollhom tal-inqas sena esperjenza bħala UEFA A coach. Skont ir-regolamenti tal-UEFA kull min japplika għal dan il-kors ikun irid jiġi ivvettjat.

It-tieni kors se jibda f'Settembru 2019, u għalhekk il-korsijiet UEFA Pro se jibdew isiru kull erba' snin.






# Debutt Internazzjonali għal Adrian Azzopardi u Jurgen Spiteri



Nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu 2015, ġewwa l-Ungerija, ir-referi Adrian Azzopardi u l-assistent referi Jurgen Spiteri kkontrollaw flimkien l-ewwel partita barra minn xtutna minn mindu saru uffiċjali internazzjonali bil-badge tal-FIFA, fl-1 ta' Jannar li għadda.

Huma kkontrollaw il-partita tal-ftuħ minn Grupp 7 ta' kwalifikazzjoni għall-fażi finali fil-kategorija ta' Taħt is-17-il sena bejn l-Iskozja u l-Bożnja-Herzegovina (2-0) ġewwa l-*Grosics Stadion*, f'Tetabanya.

F'kumment li ta lil dan il-magazine sportiv, Adrian Azzopardi stqarr li: "kienet partita missielta b'ħafna fouls li fiha l-Iskoċċiżi rnexxielhom jiskorjaw żewġ gowls fit-tieni taqsima wara li kienu l-Bożnja li kkreaw okkażjonijiet tajbin ta' skor fl-ewwel taqsima. Għall-ewwel ħinijiet tal-partita kont xi ftit eċċitat, iżda aktar ma għadda l-ħin ħassejtni kunfidenti."

Minbarra Jurgen Spiteri, f'dan id-debutt internazzjonali Adrian Azzopardi kien megħjun mill-assistent referi tal-FIFA Ungeriż Zoltan Bozo u r-raba' uffiċjal Ungeriż Csaba Pinter. L-osservatur tal-UEFA f'din il-partita kien l-Awstrijak Konrad Plautz.

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Marzu 2015, l-UEFA appuntat lil Adrian Azzopardi sabiex jikkontrolla l-partita bejn l-Ungerija u l-Iskozja (0-0) ġewwa l-Puskas Akademia Pancho Arena fil-belt ta' Felcsut, assistit mill-assistenti referis internazzjonali Jurgen Spiteri u l-Isvediż Stefan Hallberg, bil-kompatrijott ta' dan tal-aħħar Mohammed Al-Hakim ikun ir-raba' uffiċjal f'dan il-konfront.

L-osservatur tal-UEFA Karen Nalbandyan mill-Armenja kien ukoll sodisfatt bil-kontroll ta' Adrian Azzopardi u Jurgen Spiteri f'din il-partita importanti. Ta' min jgħid li l-Ungerija bħala l-pajjiż ospitu kienu tilfu l-ewwel partita tagħhom kontra r-Repubblika Ċeka (0-1) jumejn qabel.

Fl-aħħar jum ta' logħob, nhar l-Erbgħa 25 ta' Marzu, Jurgen Spiteri assista lir-referi tal-FIFA mill-Kazakhstan Denis Izmailov flimkien mal-assistent referi internazzjonali mill-istess pajjiż Alexandr Pavlov fil-partita bejn Bożnja Herzegovina u l-Ungerija (2-1) ġewwa l-Puskas Akademia Pancho Arena. Adrian Azzopardi kien ir-raba' uffiċjal.

# Referis Maltin jirreffjaw ġo Wales u l-Irlanda Ta' Fuq - Aktar Skambji ma' Referis Barranin

Il-programm ta' skambji ma' referis barranin kompla fl-aħħar xhur joffri esperjenzi ġodda lir-referis Maltin. Fl-20 u 21 ta' Marzu, ir-referis Clayton Pisani u Philip Farrugia kkontrollaw partiti mill-Kampjonat Premier go Wales, assistiti mill-assistenti referis Paul Apap u David Castillo.

Fl-20 ta' Marzu Clayton Pisani kkontrolla l-partita *derby* bejn Prestatyn Town u Rhyl (1-2) li permezz ta' din it-telfa t-tim tal-lokal safa relegat, filwaqt li fil-21 ta' Marzu Philip Farrugia kien ir-referi tal-partita bejn Bangor City u Carmarthen Town (1-0). L-osservatur tal-UEFA minn Wales Brian Lawlor assessja l-wirjiet tal-uffiċjali Maltin fiż-żewġ partiti.

Fit-28 ta' Marzu, Fyodor Zammit u Christopher Lautier ikkontrollaw partiti mill-ogħla diviżjoni ġewwa Belfast, l-Irlanda Ta' Fuq. Il-partita Glentoran-Dungannon Swifts (2-0) ġewwa *The Oval* kienet ikkontrollata minn Fyodor Zammit, megħjun mill-assistent referi Malti Alan Camilleri u l-assistant referi Irlandiż George Argyropoulos, filwaqt li Andrew Davey kien ir-raba' uffiċjal. L-osservatur tal-UEFA John F. Ferry kien appuntat sabiex jassessja l-wirja tal-uffiċjali tal-logħba.

Christopher Lautier kien ir-referi tal-partita AS Cliftonville-Institute (5-1) ġewwa Solitude. L-assistenti referis kienu l-Malti Peter Abela u l-Irlandiż Gareth Eakin, filwaqt li Mervyn Smith kien ir-raba' uffiċjal. L-osservatur tal-UEFA Alan Snoddy assessja l-wirja tal-uffiċjali tal-logħba.

Fl-aħħar xhur kienu diversi referis barranin li kkontrollaw partiti f'Malta. Fl-24 ta' Jannar terna arbitrali minn Andorra mmexxija mir-referi tal-FIFA Ignasi Villamayor ikkontrollat il-partita mill-Kampjonat Premier bejn Mosta u Floriana (1-3), fl-1 ta' Frar terna arbitrali mil-Lussemburgu mmexxija mir-referi internazzjonali Laurent Kopriwa kkontrollat il-partita mill-Kampjonat Premier bejn Sliema Wanderers u Birkirkara (1-1), filwaqt li Luca Barbeno u Marco Avoni kkontrollaw il-partiti mill-Kampjonat Premier, Valletta-Floriana (1-0) u Naxxar Lions-Tarxien Rainbows (0-1) rispettivament nhar it-12 u t-13 ta' April. Iż-żewġ referis minn San Marino kienu megħjuna mill-kollegi tagħhom, l-assistent referi internazzjonali Francesco Lunardon u l-assistent referi Dario Sammaritani.

L-erba' partiti mill-kwarti-finali tal-Malta FA Trophy li ntlagħbu fit-13 u l-14 ta' Frar kollha ġew ukoll ikkontrollati minn referis barranin. Referis mir-Repubblika Irlandiża kkontrollaw il-partiti Mosta-Valletta (1-3) u Qormi-Sirens (7-0), filwaqt li referis minn Georgia kkontrollaw il-partiti Balzan-Hibernians (1-1, 3-4 pens) u Birkirkara-Pietà Hotspurs (3-0).









# Esther Azzopardi tirreffja fi Franza

Esther Azzopardi kienet waħda mir-referis tal-FIFA appuntati mill-UEFA sabiex tikkontrolla partiti minn tournament ta' kwalifikazzjoni għal timijiet nazzjonali tan-Nisa ta' Taħt id-19-il sena, li ntlagħab f'Melun u Ozoir La Ferriere fi Franza bejn l-4 u d-9 ta' April.

Wara li fl-ewwel jum ta' logħob Esther Azzopardi kkontrollat il-partita Franza-Islanda (5-0), fit-tieni ġurnata hija kienet ir-raba' uffiċjal fil-partita Franza-Rumanija (2-0) ġewwa *Stade des 3 Sapins* f'Ozoir La Ferriere. Fit-tielet u l-aħħar ġurnata, il-UEFA appuntat lil Esther Azzopardi bħala r-referi tal-konfront deċiżiv bejn ir-Russja u Franza (0-1), li ġie deċiż b'penalty fil-75 minuta.

Ir-referis l-oħrajn kienu Vesna Budimir (Kroazja) u Lorraine Clark (Skozja), filwaqt li l-assistenti referis kienu Angela Kyriakou (Ċipru), Aurelie Efe (Franza), Lada Rojc (Kroazja) u Nicolle Andrews (Skozja). Severine Craipeau (Franza) kienet ir-raba' uffiċjal.

Il-UEFA appuntat lil Ilonka Milanova Djaleva (Bulgarija) u Vibeke Karlsen (Norveġja) bħala referee observers u lil Marc Lesenfants (Belġju) bħala d-delegat tat-tournament.



# Uffiċjali Maltin f'tournament internazzjonali tan-Nisa

L-assistent referi internazzjonali Christopher Francalanza u r-referi tal-Ewwel Kategorija Emanuel Grech kienu appuntati mid-Dipartiment tar-Refereeing tal-MFA bħala uffiċjali waqt it-tournament internazzjonali ta' kwalifikazzjoni għall-UEFA Women's EURO 2017 li ntlagħab hawn Malta bejn l-4 u d-9 ta'April.

Christopher Francalanza bħala assistent referi u Emanuel Grech bħala raba' uffiċjal ħadu sehem fil-partiti li ma kienx involut fihom it-tim nazzjonali Malti. Il-partiti kienu Geogia-Gżejjer Faroe (2-0), Gżejjer Faroe-Andorra (8-0) u Andorra- Geogia (0-7).

Ir-referis internazzjonali appuntati mill-UEFA f'dan it-tournament kienu Paula Brady (Irlanda), Yuliya Medvedeva-Keldyusheva (Kazakstan) u Dilan Deniz Gokcek Iscan (Turkija). L-assistenti referis kienu Michelle O'Neill (Irlanda), Kristina Yanashkevich (Kazakstan) u Secim Demirel (Turkija).

Il-UEFA appuntat lil Antonia Kokotou (Grecja) u Snjezana Focic (Kroazja) bħala referee observers u lil Marina Tashchyan (Armenja) bħala delegata tat-tournament.




# Referis Maltin

## jiksbu Dipolma mill-UEFA

Ir-referi Philip Farrugia u l-assistenti referis Ryan Aquilina u Rick Heckenlaible irnexxielhom jiksbu Diploma mill-UEFA wara li pparteċipaw b'suċċess fl-24 programm CORE (Centre of Refereeing Excellence) bejn Ottubru 2014 u Marzu 2015. Dawn il-programmi ta' formazzjoni u edukazzjoni jħejju lir-referis u assistenti referis żgħażagħ meqjusa bħala talenti bi prospetti li fil-futur jiġu nominati fuq il-Panel tal-FIFA.

Sabiex kisbu din id-Diploma prestiġjuża fir refereeing, it-tliet uffiċjali Maltin urew il-ħiliet tagħhom fl-aspetti tekniċi u fiżiċi, fl-attitudni u l-organizzazzjoni kif ukoll fil-lingwa Ingliża, kemm dik mitkellma kif ukoll dik miktuba.

F'dawn is-sitt xhur Philip Farrugia kien taħt il-*mentorship* tal-kowċ tar-referis Spanjol Manuel Lopez Fernandez, filwaqt li Ryan Aquilina u Rick Heckenlaible kienu taħt il-ħarsien tal-kowċ tal-assistenti referis Skoċċiż Tom Murphy. Jean-Baptist Bultynck (Belġju) u Sandor Safar (Ungerija) kienu appuntati mill-UEFA bħala *fitness coaches* tal-uffiċjali Maltin.

Minbarra l-opportunità li jattendu għal żewġ korsijiet fil-Kwartieri tal-UEFA f'Nyon, l-Isvizzera, fit-28 ta' Marzu, it-terna arbitrali mmexxija minn Philip Farrugia kienu appuntati għall-konfront mir-raba' diviżjoni fl-Isvizzera bejn UGS Geneve u Sarraz Eclepens (3-0), partita diffiċli li fiha ngħataw żewġ penalties u ntweriet karta ħamra kontra l-*away team.*

# Terna arbitrali Maltija għal Lussemburgu v Turkija



Il-ħidma tad-Dipartiment tar-Refereeing kompliet tagħti l-frott tagħha wara stedina li saret mill-Federazzjoni tal-Lussemburgu sabiex uffiċjali Maltin jikkontrollaw il-partita internazzjonali 'A' ta' ħbiberija bejn il-Lussemburgu u t-Turkija (1-2), li ntlagħbet fl *Stade Josy Barthel* ġewwa Luxembourg City nhar il-31 ta' Marzu.

Ir-referi tal-FIFA Alan Mario Sant, megħjun mill-assistenti referis internazzjonali Edward Spiteri u William Debattista, ikkontrolla dan il-konfront, li għalih ġie appuntat ir-referi internazzjonali mil-Lussemburgu Alain Duriex bħala r-raba' uffiċjal.

F'kumment li ta lil dan il-gurnal sportiv, Alan Mario Sant stqarr li: "kienet partita mill-isbaħ li t-Torok rebħu b'goal fl-aħħar 5 minuti tal-partita u li kompliet tkabbar l-esperjenza tar-referis Maltin fil-futbol internazzjonali."

L-istedina mill-Federazzjoni tal-Lussemburgu tifforma parti mill-programm ta' skambji ta' referis għal partiti internazzjonali ta' ħbiberija.

# Goal illeġittimu jisraq wirja sodisfaċenti



Goal illeġittimu seba' minuti mit-tmiem, meta l-captain ta' Georgia fetaħ l-iskor b'idu, "seraq" prestazzjoni sodisfaċenti tal-Maltin f'partita ta' ħbiberija li sa dak il-ħin qatt ma urew xi sintomi ta' inferjoritá minkejja li l-avversarji gawdew ħafna mill-pussess tal-ballun.

Tattikament, il-Maltin kienu perfetti fejn fil-qalba tad-difiża spikkaw it-tliet difensuri Jonathan Caruana, Steve Borg u Andrei Agius li qatt ma ġew antiċipati.

Matul l-ewwel taqsima, l-avversarji tagħna kienu territorjalment aħjar fejn bdew jutilizzaw il-faxxa xellugija bil-ħarbiet veloċi ta' Tomike Okriashvili li bil-crosses insidjużi pprova jsib lill-kollegi tiegħu iżda sab lid-difiża Maltija soda ... tirreċiproka t-tentattivi tiegħu.

Barra minn hekk, il-Maltin kienu neqsin minn dak il-player kostruttiv li seta' joħloq l-offensiva, tant, li bdew jaslu biss sa tliet kwarti ta' ground bil-goalkeeper Giorgi Loria rari jkun impenjat.

Iżda matul it-tieni taqsima, il-wirja tal-Maltin immaturat u tjiebet fejn kienu aktar avventurużi u diretti fuq il-ballun .... sakemm wasal dak il-goal ... fejn it-team kollu kkrolla biex tilef il-konċentrazzjoni bil-konsegwenza li sofrejna goal ieħor fil-ħin miżjud.

Għall-kronaka, fis-sitt minuta, Ryan Camilleri antiċipa fil-ħin lil Levan Mchedidze li seta' jagħmel xi ħsara wara xogħol tajjeb ta' Kakhi Makharadze. Ir-reazzjoni Maltija kienet waħda b'xutt mid-distanza ta' Rowen Muscat, li iżda, kien ċentrali.

Fit-18-il minuta, Justin Haber wettaq l-isbaħ save tal-partita meta dawwar f'corner ix-xutt b'saħħtu minn barra l-kaxxa ta' Tornike Okriashvili.

Fit-33 minuta, it-team ta' Georgia resaq viċin li jiftaħ l-iskor meta Guram Kashia xeħet fuq Kakhi Makharadze li niżżel birras lejn Giorgi Chanturia li l-kanunata tiegħu għaddiet ma' sieq il-lasta.

Żewġ minuti minn tmiem l-ewwel taqsima waslet l-aħjar azzjoni Maltija iżda sfumat fix-xejn meta Bjorn Kristensen ippreferа li jgħaddi l-ballun 'il quddiem milli jixxuttja meta kien f'pożizzjoni ideali.

It-tieni taqsima fetħet bi freekick ta' Andrew Cohen, li iżda, sfuma fix-xejn. Ir-risposta Ġorġjana kienet cross ferm għoli ta' Giorgi Navalovski. Fis-56 minuta, Georgia kienu sfortunati li ma fetħux l iskor meta minn qagħda angolata, Tornike Okriashvili venven xutt li għeleb lil Justin Haber iżda ġie mċaħħad mill-mimduda.

Fis-60 minuta, daħal Alfred Effiong fil-post ta' Jean Paul Farrugia biex dan il-player Niġerjan naturalizzat Malti għamel id-debutt mat-team nazzjonali.

Fl-74 minuta, Andrei Agius kien providenzjali meta xeħet f'corner il-cross perikoluż ta' Aleksandr Amisulashvili.

Fit-78 minuta, Alfred Effiong kien se jkollu debutt tal-ħolm meta minn *through pass* ta' Steve Borg, ħarab lill-avversarju dirett tiegħu u antiċipa l-ħarġa ta' Nukri Revishvili billi pplejsja l-ballun għar-rokna tax-xibka ... iżda ġie mċaħħad minn sieq il-lasta.

Fit-83 minuta, Georgia fetħu l-iskor b'mod mill-aktar illeġittimu meta mill-freekick ta' Levan Kenia, Jaba Kankava daħal jiġri u qabbeż il-ballun b'idu minn fuq il-goalkeeper Justin Haber.

Bla dubju, dan il-goal ġab protesti qawwija mill-players Maltin, li iżda, kien kollox normali għar-referee mil-Latvja.

Bil-players Maltin iddemoralizzati għal kollox għal din l-inġustizzja, fil-ħin miżjud sofrew it-tieni goal minn azzjoni personali ta' Valeri Kazaishvili.

**25.03.2015 - 18.00 hrs**

| | | |
|---|---|---|
| **Georgia** | J. Kankava 83, V. Kazaishvili 92 | **2** |
| **Malta** | | **0** |

HT 0-0 **Michael Meskhi Stadium,Tbilisi**

**Georgia** – 1-Giorgi Loria (12-Nukri Revishvili), 4-Guram Kashia, 3-Solomon Kvirkvelia (18-Levan Kenia 46), 5-Aleksandr Amisulashvili, 19-Aleksandre Kobakhidze (17-Nika Dzalamidze 84), 22-Giorgi Navalovski, 6-Kakhi Makharadze, 7-Jaba Kankava 11-Giorgi Chanturia (20-Valeri Kazaishvili 64), 10-Tornike Okriashvili(9-Mate Vatsadze 71), 23-Levan Mchedlidze (14-Bachana Tskhadadze 71)

*Coach* Kakhaber Tskhadadze

**Malta** – 1-Justin Haber, 2-Jonathan Caruana, 3-Steve Bezzina, 4-Steve Borg (21-Ryan Camenzuli 89), 5-Andrei Agius, 9-Jean Paul Farrugia (19-Alfred Effiong 60), 10-Andrew Cohen, 11-Rowen Muscat, 13-André Schembri, 17-Ryan Camilleri (Zach Muscat 46), 18-Bjorn Kristensen (7-Mark Scerri 71)

*Coach* – Pietro Ghedin

**Referee** – Alexandrs Anufrijevs (Latvja)

**Assistenti** – Romas Platonovs, Raimonds Tatriks (Latvja)

**Raba' Uff.** – George Vadachkoria (Georgia)

**Ammoniti** – G. Kashia (G); S. Borg (M)



*Rowen Muscat (Malta) jixxuttja fil-partita kontra Georgia*



*Giorgi Navalovski (Georgia) jikklerja minn fuq Andrew Cohen (Malta)*



*Jean Paul Farrugia (Malta) ostakolat minn Guram Kashia (Georgia)*



*André Schembri (Malta) isegwi lil Kakhi Makharadze (Georgia)*



*Rowen Muscat (Malta) ittakiljat minn Jaba Kankava (Georgia)*




*Il-formazzjoni inizjali Maltija li lagħbet kontra l-Azerbaijan*

# Riżultat inġust mal-Maltin

Malta sofriet telfa ta' 2-0 kontra l-Azerbaijan biex niżlet fl-aħħar post ta' Grupp H tar-round ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2016.

Fil-veritá, dan ir-riżultat kien kiefer mal-Maltin minħabba li taw daqskemm qalgħu matul il-logħba kollha bid-differenza li l-avversarji kienu aktar inċiżivi ... u l-logħba tintrebaħ minn jiskorja l-aktar.

Il-coach Pietro Ghedin wettaq erba' bidliet mit-telfa ta' 2-0 tal-partita ta' ħbiberija kontra Georgia, nhar l-Erbgħa li għadda, meta utilizza lil Andrew Hogg, Roderick Briffa, Paul Fenech u Alfred Effiong fil-post ta' Justin Haber, Andrew Cohen, Jean Paul Farrugia u Bjorn Kristensen.

Din it-tibdila saret biex jissaħħaħ nofs il-ground. Iżda matul l-ewwel taqsima kkommettejna bosta żbalji li minnhom approfittaw l-avversarji.

Imma mbagħad fit-tieni taqsima żidna l-pressjoni u meta dherna li stajna niksbu l-goal tad-draw ... sofrejna d-daqqa mortali.

L-Azerbaijan ma setgħux kellhom bidu aħjar għax wara biss tliet minuti fetħu l-iskor meta Vuqar Nadirov beda azzjoni f'nofs il-ground li għadda lejn Namik Alesgerov li ġera mal-faxxa leminija u mill-cross insidjuż tiegħu, JAVID HUSEYNOV antiċipa lil Jonathan Caruana u b'daqqa ta' ras ħasad għal kollox lil Andrew Hogg.

Minkejja din id-doċċa kiesħa l-Maltin mill-ewwel irriorganizzaw u fil-11-il minuta ersaqna ferm viċin li niksbu d-draw meta André Schembri żmarka lil Alfred Effiong li bil-ballun destinat għar-rokna tas-saqaf tax-xibka, il-goalkeeper Azeri, Kamran Agayev, wettaq save stupend b'titjira spettakolari.

Fil-21 minuta, Vuqar Nadirov xeħet għoli minn taħt il-lasta biex minuta wara, id-difensur Malti Andrei Agius antiċipa fil-ħin lis-sostitut Ruslan




*Andrè Schembri (Malta) miżmum minn Rashad Sadigov (Azerbaijan)*



Steve Pisani (Malta) attakkat minn żewġ players ta' Azerbaijan



*Roderick Briffa (Malta) jgħaddi minn bejn żewġ players tal-Azerbaijan*

Gurbanov li seta' jagħmel il-ħsara.

Imbagħad fis-26 minuta, kien il-goalkeeper Andrew Hogg providenzjali li laqa' xutt fil-baxx ta' Javid Huseynov minn barra l-kaxxa.

Minuta qabel it-tisfira għal tmiem l-ewwel taqsima, il-lasta Maltija għaddiet minn periklu meta mill-corner ta' Afran Ismaylov, Ruslan Gurbanov għola fuq kulħadd biddaqqa ta' ras tiegħu tgħaddi minn fuq il-mimduda.

It-tieni taqsima, fetħet bl-offensiva mill-Azeri fejn il-goalkeeper Malti Andrew Hogg kellu jagħmel ħarġa determinanti fuq Afran Ismayilov imbagħad Roderick Briffa nnewtralizza fil-ħin lil Rahid Amirguliyev.

Fil-59 minuta, il-Maltin rebħu freekick meta Rashad Sadigov ikkommetta foul fuq André Schembri barra l-kaxxa. Iżda ċ-ċans intilef meta Andrei Agius ixxuttja ċentrali fil-barriera.

Fit-63 minuta, Rowen Muscat tilef il-pussess talballun biex Vuqar Nadirov approfitta b'xutt minn 20 metru bogħod iżda sab lil Andrew Hogg idawwar f'corner.

Fis-77 minuta, f'azzjoni Maltija, Roderick Briffa għadda lejn André Schembri li minn barra l-kaxxa mpenja lil Kamran Agayev li kellu jinxteħet minn tulu.

Fl-84 minuta, is-sostitut Steve Pisani resaq viċin meta dar maddifensur Gara Garayev iżda x-xutt tiegħu kien kemmxejn dgħajjef.

Tliet minuti mittmiem, il-corner dirett ta' Ryan Fenech qarraq b'kulħadd bil-ballun jispiċċa mal-wieqfa u jinqala' 'l barra.

Iżda l-aħħar kelma kienet tal-Azerbaijan hekk kif fit-92 minuta ssiġillaw ir-rebħa bi ġmiel ta' goal minn DMITRI NAZAROV li minn tarf il-kaxxa dawwar għal ġox-xibka.

KLASSIFIKA

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kroazja | 5 | 4 | 1 | 0 | 15 | 2 | 13 |
| Italja | 5 | 3 | 2 | 0 | 8 | 4 | 11 |
| Norve;ja | 5 | 3 | 0 | 2 | 7 | 8 | 9 |
| Bulgarija | 5 | 1 | 2 | 2 | 6 | 7 | 5 |
| Azerbaijan | 5 | 1 | 0 | 4 | 4 | 11 | 3 |
| Malta | 5 | 0 | 1 | 4 | 1 | 9 | 1 |

**28.03.2015 - 18.00 hrs**
**Azerbaijan** 2
J. Huseynov 3, D. Nazarov 92
**Malta** 0

HT 1-0 **Tofig Bahramov Stadium - Baku**

**Azerbaijan** – 1-Kamran Agayev, 2-Gara Garayev, 5-Maksim Medvedev, 6-Badavi Guseynov, 14-Rashad F. Sadigov, 16-Javid Huseynov, 17-Vuqar Nadirov (8-Eddy Israfilov 81), 19-Rahid Amirguliyev, 20-Namik Alesgerov (11-Ruslan Gurbanov 22), 21-Arif Dasdemirov, 22-Afran Ismayılov (13-Dmitri Nazarov 70)
*Coach* – Robert Prosinecki
**Malta** – 1-Andrew Hogg, 20-Jonathan Caruana, 3-Steven Bezzina (20-Steve Pisani 46), 4-Steve Borg, 5-Andrei Agius, 8-Roderick Briffa, 11-Rowen Muscat, 13-Andre Schembri (6-Ryan Fenech 81), 16-Paul Fenech, 17-Ryan Camilleri (22-Zach Muscat 36), 19-Alfred Effiong
*Coach* – Pietro Ghedin
**Referee** – Halis Ozkahya (Turkija)
**Assistenti** – Cem Satman, Ekrem Kan (Turkija)
**Raba' Uff.** – Kemal Yilmaz (Turkija)
**Ass. Refs. Add.** – Mete Kalkavan, Tolga Ozkalfa (Turkija)
**Ammoniti** – R. Amirguliyev, D. Nazarov (A); J. Caruana (M)



*Steve Borg (Malta) jittakilja lil Afran Ismayilov (Azerbaijan)*

# Il-Maltin ifallu l-kwalifikazzjoni




*Dorianne Theuma (Malta) issikkata minn Live Arge (Faroe Islands)*



*Jade Flask (Malta) taqbeż lil Bibiana Correia (Andorra)*

It-team nazzjonali Malti tan-Nisa, taħt it-tmexxija tal-coach il-ġdid Mark Gatt, falla milli jikkwalifika għar-round ta' kwalifikazzjoni tal-Euro 2017 liema fażi finali se ssir fl-Olanda.

Ir-round preliminari kien jikkonsisti f'żewġ gruppi fejn il-Maltin ospitaw Grupp 2 li kien kompost f'forma ta' mini-tournament li fih kien jinkludi wkoll lil Andorra, Faroe Islanda u Georgia.

Fl-ewwel logħba, il-Maltin għelbu lil Andorra bl-iskor ta' 5-3 fejn għalqu l-logħba fl-ewwel taqsima meta daħlu jistrieħu bl-iskor ta' 4-1.

Il-goals waslu minn doppjetta kull wieħed ta' Dorianne Theuma u Rachel Cuschieri u goal ieħor minn Ylenia Carabott.

It-tieni konfront kien dak kontra t-team qawwi ta' Georgia. Kmieni fit-tieni taqsima, kienet Ylenia Carabott li fetħet l-iskor iżda l-avversarji tagħna kisbu d-draw, seba' minuti wara, minn penalty mogħti minn Lela Chichinadze.

U meta kollox deher li l-partita kienet ser

tispiċċa fi draw, Dorianne Theuma skorjat il-goal tar-rebħa meta sparat kanunata bil-goalkeeper avversarja tipprova ssalva iżda konsegwenza tax-xutt qawwi, il-ballun imbaram għal ġewwa.

Fit-tielet partita, dik kontra Faroe Islands, kien hemm aspettattivi kbar minħabba l-fatt li draw kien ikun biżżejjed biex il-Maltin jaqtgħu l-passaġġ tagħhom għar-round li jmiss.

It-team Malti kellu bidu mill-aktar negattiv meta sal-ewwel kwarta kien fi żvantaġġ ta' żewġ goals ta' Rannva Andreasen u Milja Simonsen.

Iżda l-players tagħna rnexxielhom jirriorganizzaw u sa ħames minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima kisbu draw biex reġgħu daħlu fil-partita.

Imma appena għaddew erba' minuti, Faroe Islands marru fil-vantaġġ minn Heidi Sevdal liema goal ddemoralizza lill-Maltin u minkejja li xeħtu kollox fuq l-attakk biex jipprovaw jiksbu l-goal tad-draw, kienu Faroe Islands li skorjaw ir-raba' goal fl-aħħar azzjoni tal-partita.

Minkejja dan id-diżappunt, il-players Maltin jimmertiahom kull tifħir minħabba l-impenn massimu matul it-tournament kollu.



*Andorra*



*Faroe Islands*



*Malta*

**04.04.2015 - 14.15 hrs**

**Andorra** 3
A. Lopez Vila 3, B. Correia 57, M. Muelas 93
**Malta** 5
R. Cuschieri 5, 21, D. Theuma 24, 51, Y. Carabott 45
HT 1-4 **Victor Tedesco Stadium**

**Andorra** – 1-Anna Maria Nieto Pedescoll, 4-Margot Farré, 5-Daniela Rodrigues Da Silva, 6-Teresa Armengol, 7-Alba Lopez Vila, 8-Andreina José Silva Encarnacao (19-Sonia Del Barco 84), 9-Marina Muelas, 10-Maria Ruzafa Lozano (16-Laia Perez Guasch 63), 11-Tania Sanchez Soto (3-Claudia Cassi 55), 14-Samantha Reyes Marin, 18-Bibiana Correia
*Coach* – Juan Carlez Ruiz Garcia
**Malta** – 1-Janice Xuereb, 16-Charlene Zammit, 2-Gabriella Zahra, 4-Yasmeen Vella (10-Francesca Chircop 64), 5-Stephania Farrugia, 6-Dorianne Theuma, 8-Rachel Cuschieri (18-Emma Xuereb 75), 14-Shona Zammit, 7-Ylenia Carabott, 15-Jade Flask (11-Antoinette Sammut 31), 17-Brenda Borg
*Coach* – Mark Gatt
**Referee** – Paul Brady (Irlanda)
**Assistenti** – Michelle O'Neill (Irlanda); Secim Demirel (Turkija)
**Raba' Uff.** – Dilan Gokcek (Turkija)

**06.04.2015 - 14.15 hrs**

**Georgia** 1
L. Chichinadze 55 pen
**Malta** 2
Y. Carabott 47, D. Theuma 90
HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Georgia** – 12-Nino Chkuaseli, 2-Nino Kochlamazahvili, 3-Nino Pasikashvili, 6-Teona Todadze, 7-Tatiana Matveeva, 8-Lela Chichinadze, 9-Khatia Tchkonia, 10-Ana Cheminava, 13-Tamar Tatuashvili, 15-Ana Zakaidze (16-Katia Skhirtladze 66), 17-Nino Sutidze
*Coach* – Kastava Tamaz
**Malta** – 1-Janice Xuereb, 2-Gabriella Zahra (13 - Mandy Debono 70), 4-Marie Yasmeen Vella (9-Martina Borg 70), 5-Stefania Farrugia, 6-Dorianne Theuma, 7-Ylenia Anne Carabott, 8-Rachel Cuschieri, 14-Shona Zammit, 15-Jade Flask, 16-Charlene Zammit (3-Ann-Marie Said 73), 17-Brenda Borg
*Coach* – Mark Gatt
**Referee** – Deniz Dilan Gokcek (Turkija)
**Assistenti** – Secim Demirel (Turkija), Kristina Yanushkevich (Kazakhstan)
**Raba' Uff.** – Yuliya Medvedeva (Kazakhstan)
**Ammoniti** – S. Zammit (M); N. Kochlamazahvili,

**09.04.2015 - 11.00 hrs**

**Malta** 2
Y. Carabott 39, M. Borg 49
**Faroe Islands** 4
R. Andreasen 13, M. Simonsen 15, H. Sevdal 53, 90
HT 1-2 **Victor Tedesco Stadium**

**Malta** – 1-Janice Xuereb, 2-Gabriella Zahra (18-Emma Xuereb 67), 4-Yasmeen Vella (9-Martina Borg 19), 5-Stefania Farrugia, 6-Dorianne Thouma, 7 Ylonia Carabott, 8 Rachol Cucchiori, 14-Shona Zammit, 15-Jade Flask, 16-Charlene Zammit, 17-Brenda Borg
*Coach* – Mark Gatt
**Faroe Is.** – 12-Anna S. Hansen, 3-Fridrun Danielsen, 4-Eydvor Klakstein (15-Liv Arge 86), 5-Sigrid Petersen, 6-Olga Kristina Hansen, 7-Ansy Sevdal, 8-Malena Josephsen, 9-Rannva Andreasen, 10-Heidi Sevdal, 11-Sigrun Kristiansen, 13-Milja Simonsen (18-Idunn Magnussen 47)
*Coach* – Jon Pauli Olsen
**Referee** – Deniz Dilan Gokcek (Turkija)
**Assistenti** – Secim Demirel (Turkija), Michelle O'Neill (Irlanda)
**Raba' Uff.** – Paula Brady (Irlanda)
**Ammoniti** – H. Sevdal, M. Josephsen, O. K. Hansen, S. Kristiansen (FI)

RIŻULTATI KOLLHA

| | |
|---|---|
| Andorra v Malta | 3-5 |
| Georgia v Faroe Islands | 2-0 |
| Faroe Islands v Andorra | 8-0 |
| Georgia v Malta | 1-2 |
| Malta v Faroe Islands | 2-4 |
| Andorra v Georgia | 0-7 |

KIF SPIĊĊAW

| | L | R | D | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Georgia | 3 | 2 | 0 | 1 | 10 | 2 | 6 |
| Faroe Is. | 3 | 2 | 0 | 1 | 12 | 4 | 6 |
| Malta | 3 | 2 | 0 | 1 | 9 | 8 | 6 |
| Andorra | 3 | 0 | 0 | 3 | 3 | 20 | 0 |

# It-Team nazzjonali jiddebutta b'rebħa



*It-team Malti*

It-team nazzjonali ta' Taħt il-15-il sena tat-Tfajliet, imexxi mill-coach Dorianne Theuma, għamel id-debutt tiegħu fix-xena internazzjonali meta f'partita ta' ħbiberija, fis-Centenary Stadium, għeleb lil dak tar-Rumanija bl-iskor ta' 1-0 bl-uniku goal tal-partita jasal minn Keeva Camilleri, fit 32 minuta.

Kien ippjanat li t-team Malti jagħmel dan id-debutt f'tournament kwadrangulari ta' ħbiberija, li iżda, irtiraw l-Azerbaijan u l-Kroazja.

Fit-tieni partita, l-istess timijiet spiċċaw fi draw ta' 0-0 minkejja li t-team Malti kien aħjar mill-avversarji.

L-iskwadra Maltija kienet ifformata minn:

*Goalkeepers*: Patricia Ebejer (Mgarr U.); Mandy Caruana (Tarxien R.)

*Difensuri*: Kim Borg (Tarxien R.); Chloe Ellul (Tarxien R.); Leanne Cefai (Gozo); Nicole Sciberras (Mosta); Mirea Ellul (Hibernians); Amber Brincat (Hibernians); Michela Felice (Birkirkara); Nicole Zammit (Birkirkara); Sharone Spagnol (Hibernians).

*Midfielders*: Celeste Grech (Mosta); Maia Debono (Mgarr U.); Katryn Ellul (Kirkop U.); Maria Farrugia (Gozo); Kayleigh Chetcuti (Hibernians); Samantha Zarb (Birkirkara); Sarah Urpani (Birkirkara); Miriana Conti (Gozo); Kylie Pantalleresco (Mosta).

*Attakkanti*: Keeva Camilleri (Gozo); Demi Magrin (Kirkop U.); Angelique Schembri (Mgarr U.).



*Taqtiegħa għall-ballun bejn Celeste Grech (Malta) u Denisa Lowenberger (Rumanija)*



*Keeva Camilleri tiskorja għal Malta kontra r-Rumanija*



*Maria Farrugia (Malta) taħrab lil żewġ players Rumeni*



*Il-goalkeeper Maltija Patricia Ebejer tanticipa lir-Rumena Camelia Moraru*



*It-team Rumen*



*Il-coach Doranne Theuma*



*Kim Borg tikklerja għal Malta kontra r-Rumanija*



*Il-ball-girls*

Ritratti: Roger Azzopardi, Joe Borg u Ian Noel Pace

# Hibernians Champions
## għall-11-il darba




### KIF JINSABU

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Hibernians | 30 | 26 | 4 | 0 | 93 | 20 | 52 |
| Birkirkara | 30 | 19 | 6 | 5 | 58 | 28 | 42 |
| Valletta | 30 | 20 | 3 | 7 | 70 | 26 | 41 |
| Balzan | 30 | 15 | 8 | 7 | 55 | 43 | 36 |
| Floriana | 30 | 11 | 10 | 9 | 49 | 47 | 29 |
| Sliema W. | 30 | 9 | 9 | 12 | 41 | 48 | 23 |
| Mosta | 30 | 9 | 5 | 16 | 34 | 63 | 20 |
| Naxxar L. | 30 | 7 | 9 | 14 | 33 | 43 | 19 |
| Tarxien R. | 30 | 6 | 9 | 15 | 30 | 55 | 17 |
| Qormi | 30 | 5 | 9 | 16 | 31 | 53 | 15 |
| Pietá H. | 30 | 5 | 8 | 17 | 25 | 52 | 13 |
| Zebbug R. | 30 | 5 | 6 | 19 | 35 | 76 | 12 |






**BOV PERSONAL LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

BOV
Bank of Valletta

Offer valid until 30th June 2015 and may close earlier at the Bank's discretion. Representative example of a Motor Loan based on a loan amount of €12,000 being made available by Bank of Valletta p.l.c. at a variable interest rate of 4.99% p.a. (interest margin of 2.54% plus Consumer Lending Bank Base Rate of 2.45%): APR will be 5.178% p.a. and loan will be repayable in 84 equal monthly instalments of €169.94 over a term of 7 years. The total sum payable throughout the term of the loan, assuming the variable interest rate remains unchanged, will be €14,274.96 being capital of €12,000 and interest of €2,274.96; no processing fees are payable. Terms and conditions apply.



Bir-rebħa ta' 3-1 fuq Floriana, Hibernians ġew dikjarati champions għall-11-il darba fl-istorja tal-club fejn bla dubju kien jimmeritahom dan is-suċċess hekk kif dan l-istaġun il-Pawlisti kisru rekord wara ieħor ... u meta fadal tliet partiti għat-tmiem, teżisti possibbiltà kbira li jsiru l-ewwel team li jiskorja l-100 goal f'din il-100 edizzjoni tal-Kampjonat.

Ta' min jinnota wkoll li mill-11-il Kampjonat mirbuħ, tmienja minnhom waslu taħt it-tmexxija tal-president Tony Bezzina li għal aktar minn 37 sena ta kontribut kbir lil-logħba domestika.

Kollox għadu indeċiż għat-tieni pożizzjoni bejn Birkirkara u Valletta hekk kif proprju il-konfront li jmiss huwa wieħed kruċjali għall-fatt li huwa konfront dirett biex imbagħad iż-żewġ timijiet iridu jilagħbu kontra ċ-champions il-ġodda b'dik li tagħlaq l-istaġun tkun bejn Hibernians u Valletta.

Żebbuġ Rovers spiċċaw warajhom b'żewġ punti inqas. Bla dubju r-Rovers li kieku riedu, kienu jkunu ta' iktar sfida, iżda wara li kienu spiċċaw finalisti fin-knock-out, huma bdew jalternaw logħbiet tajba ma' oħrajn inqas tajbin biex bdew jitilfu punti mportanti. Fil-fatt huma spiċċaw bl-aħjar attakk fejn skorjaw 42 goal, kif ukoll li l-attakkant tagħhom Manwel Cordina spiċċa bħala l-aqwa skorer tal-kampjonat b'16 il-goal.

Fl-aħħar post spiċċaw bi 18-il punt kull wieħed Għarb Rangers u Qala Saints. Għarb bdew il-kampjonat b'ħafna pretensjonijiet fejn akkwistaw is-servizzi ta' bosta players u fil-fatt huma kienu bdew tajjeb. Iżda ma damux wisq ma tilfu r-ritmu biex kien biss fl-aħħar logħba kontra l-avversarji diretti Qalin li huma rebħu biex evitaw milli jikklassifikaw waħedhom fl-aħħar pożizzjoni.

Anke Qala Saints żgur li kellhom ħsibijiet oħra iżda f'bosta partiti huma kienu sfortunati biex il-punti marru għand l-avversarji tagħhom. Madankollu huma wrew li jippossiedu diversi players promettenti fosthom id-difensur Manwel Buttigieg li anke spiċċa bħala l-aqwa skorer tagħhom b'seba' goals.

# Jerġa jitqajjem l-interess fil-MOTORSPORTS












Wara nuqqas notevoli, l-Gozo Motorcross Association reġgħet ngħatat il-ħajja b'diversi attivitajiet għal benefiċċju tad-diversi dilettanti ta' dan l-isport tal-muturi fil-korsa tax-Xep, f'Ta' Xħajma, fil-limiti tan-Nadur.

Biex setgħet tagħmel dan, il-Gozo Motorcross Association sabet koperazzjoni sħiħa min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex u l Gozo Sports Board.

Fil-fatt wara din l-għajnuna kollha li ngħatat, l-kumitat il-ġdid beda jaħdem bla heda biex dan l-isports tal-muturi f'Għawdex jerġa' jieħu l-ispinta li jixirqilha biex is-sewwieqa u d-dilettanti jkollom l-opportunità li jipprattikaw u jgawdu dan l-isport favorit tagħhom f'Għawdex stess.

Fil-fatt f'dawn l-aħħar xhur inżammu bosta kompetizzjonijiet, kif ukoll Fun Races. Dawn l-attivitajiet sabu rispons qawwi mid-dilettanti tal-muturi li l-preżenza qawwija tagħhom tkompliet tistimola iktar lill-kumitat tant ħabrieki taħt il-presidenza ta' Frankie Xuereb.

Intant il-Gozo Motocross Association f'dawn il-ġimgħat tinsab għaddejja l-organizzazzjoni tal-kampjonat li jikkonsisti f'bosta tlielaq ta' diversi kategoriji. L-iskop ewlieni tal-Assoċjazzjoni wara l-organizzazzjoni ta' dan il-kampjonat hija biex iktar sewwieqa Għawdxin jitħajru jipparteċipaw f'dan l-isport, kif ukoll biex tħeġġeġ iktar dilettanti biex jattendu għal dawn l-attivitjiet kollha tal-Motocross.

Inkoraġġanti ferm hija li anke xi tfajliet u żgħażagħ qed jibdew jipprattikaw dan l-isport u dan huwa ta' awguri mill-isbaħ biex dan l-isport ikompli jiffjorixxi f'Għawdex.

Waqt il-Fun Races li saru dan l-aħħar u li kienu sponsorjati minn Jonathan @ High Revs, attività li damet sejra għal madwar erba' sigħat u quddiem folla ferm numeruża kien hemm dawn ir-riżultati.

**Motox Races**

Klassi A – 1: Etienne Bigeni, 2: Joseph Bigeni, 3: Adam Sultana

Klassi B - 1: Godfrey Bigeni, 2: Matthew Vella, 3: Frankie Xuereb

Klassi C - 1: Nathaniel Camilleri, 2: Nicovich Chircop, 3: Joseph Abela

**Trials**

1: Damon Bonello, 2: Rowen Bonello , 3: Joseph Scicluna, 4: Manuel Camilleri, 5: Ian Scicluna

Wara s-suċċess li qed jinkiseb kemm fl-organizzazzjoni, kif ukoll f'dik li hija konkorrenza, l Assoċjazzjoni Għawdxija tinsab ferm determinata li tkompli għaddejja bil-ħidma tagħha biex tiġbet iktar sewwieqa u dilettanti Għawdxin lejn l-attivitajiet tagħha li dejjem qed isiru iktar popolari.

Għal iktar tagħrif wieħed għandu jżur il-paġna tal-Facebook Gozo Motocross Association.

minn Mark Mizzi - Principal Information Officer (EU Funding), MEUSAC

## 'Staying Onside: Education and Prevention of Match-Fixing'

# Proġett kontra l-Manipulazzjoni

L-isport huwa settur ekonomiku importanti ħafna, u fil-programm tax-xogħol tagħha fis settur għall-perjodu 2014-2017, l-Unjoni Ewropea (UE) tikkunsidrah bħala kontributur ewlieni biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklussiv.

Skont statistika maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea is-sena li għaddiet, is-sehem tal-isport fl-ekonomiji nazzjonali jħabbatha sew massehem ta' setturi oħra bħall-agrikultura, il-forestazzjoni u s-sajd kollha flimkien. Is-settur sportiv jammonta għal 2% tal-Prodott Domestiku Gross tal-UE, filwaqt li x-xogħol ġenerat minnu jlaħħaq is-7.3 miljun impjieg, jew 3.5% tal impjiegi fl-UE.

Dan kollu jkompli jagħmilha aktar importanti li r-reputazzjoni tal-isport tibqa' salvagwardjata. Fattur li jista' jtellef dan il-potenzjal huwa l-manipulazzjoni tal-logħob u tar-riżultati. Dan huwa fenomenu li aktar ma jmur aktar qed jikber, u minbarra li qed itappan ir-reputazzjoni tal-isport, qed iwassal biex jiddgħajjef il-potenzjal ekonomiku ta' dan is-settur.

Fost l-inizjattivi li ttieħdu matul is-sena li għaddiet biex tiġi miġġielda din il-problema, kien hemm il-proġett 'Staying Onside: Education and Prevention of Match-Fixing'. Dan il-proġett, kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, sar b'kollaborazzjoni bejn l-aġenzija Transparency International, l-Assoċjazzjoni tal-Kampjonati Professjonali tal-Futbol fl-Ewropa (EPFL), u l-Kampjonat tal-Futbol Ġermaniż (Bundesliga).

Il-proġett ikkonċentra fuq il-futbol minħabba l-popolarità globali ta' dan l-isport, u minħabba l-fatt li s-suq tal-imħatri online f'dan l-isport sar għandu valur ta' madwar €640 biljun kull sena.

Figuri bħal dawn jattiraw l-attenzjoni tal-kriminalità organizzata, kriminalità li bl-azzjonijiet tagħha qed tħammeġ il-logħba u tipperikola l-miljuni ta' postijiet tax-xogħol marbuta magħha.

L-għan prinċipali tal-proġett kien li jiffaċilità l-kollaborazzjoni bejn il-kampjonati u l-organizzazzjonijiet kontra l-manipulazzjoni tar-riżultati fil-Ġermanja fil-Greċja, fl-Italja, fil-Litwanja, fil-Portugall, fir-Renju Unit, fil-Polonja, fl-Awstrija, fir-Russja, fi Franza u fin-Norveġja. Il-proġett kien parti



# tal-Logħob

TRANSPARENCY INTERNATIONAL

mill-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex tesplora l-possibiltajiet li tintuża l-edukazzjoni biex tingħeleb il-problema tal-korruzzjoni.

Il-proġett inbena fuq il-premessa li biex logħba tal-futbol tiġi manipulata jrid ikun hemm kompliċi fi ħdan l-isport stess. Dan, jew dawn, il-kompliċi jistgħu jkunu uffiċjali jew plejers li jaċċettaw li jinxtraw jew inkella jkunu vittmi ta' intimidazzjoni.

Permezz ta' dan il-proġett ġew żviluppati programmi edukattivi u ta' prevenzjoni li jipprovdu gwida lil kull min huwa involut fil-logħba, dwar kif għandu jġib ruħu biex jevita jew jilqa' għall-problema. Il-programmi joħolqu wkoll aktar għarfien fuq il-ħsara kkawżata mill-manipulazzjoni tal-logħob, fuq l-isport innifsu, fuq l-individwi involuti fih, u fuq l-ekonomija li jiġġenera.

Bħala parti mill-inizjattiva saru diversi stħarriġiet ma' plejers professjonali u uffiċjali fl-Italja, plejers professjonali tal-futbol u l-baskitbol fil-Litwanja, u referis, partitarji u studenti tal-isport fil-Portugall. Dawn l-istħarriġiet urew li 20% tal-plejers tal-futbol u 15% tal plejers tal baskitbol jafu, jew jissuspettaw, li huma stess kienu involuti f'logħbiet irranġati. Fl-Italja, 47% tal plejers jemmnu li l-manipulazzjoni tar-riżultati hija problema reali, filwaqt li r-referis Portugiżi li ħadu sehem fl-istħarriġ jaħsbu li 8 minn kull 100 referi jkunu ivoluti f'irranġar ta' riżultati. Fl-aħħarnett, 30% tal-istudenti qalu li l-korruzzjoni hija waħda mill-akbar problemi fil-futbol.

Matul il-proġett saru 48 workshop u konferenzi li għalihom attendew aktar minn elf persuna. Barra minn hekk, sar taħriġ speċifiku għall-kowċis u plejers żgħażagħ, filwaqt li ġew spjegati l-coaches ta' etika u ta' kondotta marbuta mal-isport.




Il proġett ipproduċa wkoll diversi servizzi u artikli fuq il-media, materjal edukattiv u għodod online, kemm biex jinħoloq aktar għarfien, u kif ukoll biex wieħed ikun jaf kif jipprevjeni l-problema.

Minn dawn l-attivitajiet kollha ħareġ li l-edukazzjoni hija fundamentali għall-prevenzjoni tal-manipulazzjoni tar-riżultati. Il-proġett wera wkoll li l-programmi edukattivi m'għandhomx ikunu xi ħaġa ta' darba, iżda għandhom jifformaw parti minn programm akbar ta' prevenzjoni u jsiru fuq bażi regolari.

Il-proġett ikkonkluda li hemm bżonn ta' sistema effiċjenti u f'saħħitha ta' *whistleblower* fl-isport sabiex il plejers iħossuhom aktar protetti meta jirrapurtaw każijiet ta' korruzzjoni.

Ma' dan għandu jkun hemm ukoll sistema li tgħin lill-plejers ifittxu pariri kunfidenzjali mingħand esperti meta jkunu ffaċċjati b'sitwazzjonijiet diffiċli f'dan il-qasam.

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee
NATIONAL COORDINATOR
2015 European Year for Development

'Staying Onside: Education and Prevention of Match-Fixing' u l-miżuri li jirrakkomanda huma biss parti minn kullana ta' azzjonijiet li qed jittieħdu madwar l-Ewropa kontra l-manipulazzjoni tar-riżultati.

Dawn l-azzjonijiet huma importanti mhux biss minħabba l-valuri intrinsiċi tal-isport, iżda wkoll għall-ekonomija tal-UE.

Aktar informazzjoni dwar dan il-proġett tista' tinkiseb mis-sit elettroniku http://www.transparency.org/, filwaqt li għal aktar informazzjoni dwar opportunitajiet ta' fondi Ewropej għal proġetti li jaħdmu kontra l-manipulazzjoni tal-logħob, wieħed jista' jikkuntattja lill-MEUSAC fuq 22003300 jew funding.meusac@gov.mt

BUNDES LIGA

 minn Vincent Pisani

## Kampjonati Ewropej ta' taħt il-21 sena - Malta

# Brian Cini jasal sal-kwarti finali u jagħmel l-akbar break ta' 133




*Brian Cini jirċievi t-trofew tal-aqwa break Ewropew, dak ta 133, mis-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Chris Agius*

Il-player żagħżugħ Malti, Brian Cini, irnexxielu jasal sal-kwarti-finali u jagħmel l-akbar break ta' 133 fil-Kampjonat Ewropew ta' Taħt il-21 sena.

Minbarra dan il-break, huwa irnexxielu jagħmel breaks oħra kbar li kienu tnejn ta' 80, 71, 70, 63 u 62.

Brian Cini li għad għandu biss 18-il sena kellu prestazzjoni eċċezzjonali fejn impressjona mijiet ta' spettaturi preżenti u eluf ta' Maltin li raw il-logħob fuq it-televiżjoni. Cini sar l-ewwel player Malti li wasal sal-kwarti-finali kemm ilhom isiru dawn il-Kampjonati Ewropej għaż-Żagħżagħ Taħt il-21 sena.

F'dan il-Kampjonat ħadu sehem 90 player minn 25 pajjiż Ewropew. Cini beda l-logħob tiegħu fi Grupp B fejn rebaħ il-logħbiet kollha. Fl-ewwel logħba tiegħu huwa għeleb lil Ales Herout mir-Repubblika Ċeka 3-0 biex wara għeleb lil ex-champion Ewropew u ex-player professjonali Kasper Filipiak 3-2. Fiż-żewġ logħbiet l-oħra li lagħab, Cini għeleb lil Benjamin McCabe ta' l-Isvezja 3-0 u wara lill-Belġjan Dennis Deroose 3-1.

B'hekk, iż-żagħżugħ Malti għadda għall-fażi finali fejn fil-fl-Aħħar 64 elimina lill-player mill-Polonja, Michal Kotiuk, bl-iskor ta' 3-1 (85-23, 53-57, 73-18 u 133 [133]-0). Fl-Aħħar 32, Cini għelimina lill-player Franċiż Yannick Tarillon 4-1 (97-9, 71-39, 43-69, 85-23) biex għadda mal-Aħħar 16.

F'dan ir-round, iltaqa' mal-player minn Wales Tom Rees fejn iż-żagħżugħ Malti rebaħ il-logħba 4-1 ukoll (66-42, 70-46, 8-70[58], 57-33 u 59-10) biex fil-kwarti-finali tilef 5-0 kontra l-player Ingliż, Louis Heathcote, li kien f'burdata eċċezzjonali u fejn għamel ukoll żewġ breaks sbieħ ta' 84 u 50.

F'dan il-Kampjonat ħadu sehem ukoll erba' players oħra Maltin li kienu Chris Peplow, Isaac Borg, John Farrugia u Shaun Deguara.

Chris Peplow kellu prestazzjoni tajba fil-grupp tiegħu fejn rebaħ tliet logħbiet u tilef waħda. Huwa beda l-ewwel logħba tiegħu kontra l-player Irlandiż, Stephen Bateman, li Peplow rebaħ 3-0. Il-logħbiet l-oħra kienu kontra l-Bulgaru Victor Iliev 3-0, l-Ingliż Luke Garland 1-3 u r-Rumen Alexandru Statache 3-0. Fl-Aħħar 64 huwa tilef kontra l-player Finlandiż, Olli Pekka Virho, 3-0. Peplow irnexxielu jagħmel żewġ breaks tajba ta' 59 u 50.

John Farrugia u Shaun Deguara rebħu logħba waħda fil-grupp tagħhom u xorta għaddew mal-Aħħar 64 fejn tilfu kontra Luis Heathcote 1-3 u Tom Rees 0-3 rispettivament.

Isaac Borg għalkemm irnexxielu jirbaħ żewġ logħbiet mill-grupp tiegħu kontra l-Olandiż Kevin Oei 3-1 u l-player mill-Kroazja Filip Bermanec 3-1 ukoll, dan xorta ma għaddiex għall-fażi finali u dan peress li l-grupp tiegħu kien magħmul minn sitt players u mhux ħamsa.

Il-Kampjonat ġie mirbuħ mill-player ta' Isle of Man Darryl Hill fejn fil-finali għeleb lil Louis Heathcote 6-3. Iż-żewġ finalisti kienu ħadu sehem fil-Kampjonat Ewropew ta' Taħt is-17-il sena xi snin ilu ġewwa Malta.

# Team Malta 1 u Team




*Iż-żewġ timijiet Maltin tal-masters li waslu sal-kwarti-finali. Mix-xellug: Mark Saffrett, Mario Brincat, Simon Zammit u Jason Peplow*

Fil-Kampjonat Ewropew tat-Timijiet tal-Masters (Over 40's) kellna żewġ timijiet Maltin li waslu sal-kwarti-finali. Dawn kienu Team Malta 1 magħmul minn Simon Zammit u Jason Peplow kif ukoll Team Malta 4 li kien magħmul minn Mario Brincat u Mark Saffrett.

Minn Grupp D, Malta

# Tony Drago u Brian Cini jimpressjonaw u jaslu sal-finali

Tony Drago, il-player professjonali u tant maħbub mill-pubbliku sportiv Malti flimkien mal-player żagħżugħ u promettenti Malti, Brian Cini, impressjonaw bil-kbir hekk kif irnexxielhom jaslu sal-finali tal-Kampjonat Ewropew tal-isnooker li sar ġewwa d-Dolmen Hotelm fil-Qawra. Pubbliku numeruż li taw appoġġ kbir lit-timijiet Maltin attenda għal dan l-avveniment.

B'kollox ħadu sehem 36 team minn 18-il pajjiż Ewropew.

Dawn tqassmu f'sitt gruppi jiġifieri sitt players f'kull grupp. L-ewwel ħamsa minn kull grupp għaddew għall-fażi finali.

Malta kienet ippreżentata minn seba' timijiet fejn ħamsa minnhom għaddew mal-Aħħar 24. F'din il-fażi inqalgħu Malta Team 5 magħmul minn Joseph Casha u Andre Pace li tilfu 5-2 kontra Drago u Cini (Malta 3).

Team Malta 2 magħmul minn Clayton Castaldi u Philip Ciantar ukoll inqalgħu f'dan ir-round hekk kif tilfu 4-0 kontra l-Iżrael Team 3.

Malta 4, team kompost minn żewġ żgħażagħ Maltin, Chris Peplow u Aaron Busuttil ukoll impressjonaw ħafna u mhux biss għaddew għall-fażi finali imma għaddew ukoll mir-round tal-Aħħar 24 fejn għelbu lill-Islanda 4-3.



*Iż-żewġ timijiet finalisti - Malta u l-Irlanda - qabel il-finali*

Huma inqalgħu fir-round tal-Aħħar 16 fejn tilfu 4-3 kontra l-Ingilterra.

It-team Malti l-ieħor li kkwalifika kien Malta 1 magħmul mill-koppja Alex Borg u Duncan Bezzina li rebħu l-Kampjonat Ewropew is-sena ta' qabel.

Fl-Aħħar 24 huma għelbu lill-Iskozja 4-3 biex fl Aħħar16 tilfu 4-3 kontra Wales.

Fl-Aħħar 16, Tony Drago u Brian Cini għelbu lit-Tieni team ta' Wales 3-2 biex baqa' l-uniku team Malti li għadda għall-kwarti-finali fejn għelbu lill-Ingilterra 4-1.

F'din il-logħba Tony Drago għeleb lil Ryan Causton 71-54 filwaqt li Cini għeleb lil Nick Jennings 65-7.

Fid-doubles Malta għelbet lil Wales 76-28 fejn il-Maltin għamlu break ta' 52. Fir-raba' frame Cini tilef 57-59 bi 'black to win' kontra Causton filwaqt li Drago issiġilla r-rebħa għal skor ta' 67-12 kontra Jennings. Fis-semi-finali Malta għelbet lill-Ewwel Team ta' Wales 4-2. Drago beda b'telfa ta' 68-1 kontra Gareth Allen filwaqt li Cini tilef 59-36 kontra Duane Jones.

Fit-tielet frame Malta rebħu d-doubles fejn anke għamlu break ta' 59. Drago ipparċġġa l-iskor għall 2-2 hekk kif għeleb lil Jones 65-44 biex wara l-Maltin issiġillaw ir-rebħa, l-ewwel permezz ta' Brian Cini li għeleb lil Allen 52-44 u wara fid-doubles Malta reġħet għelbet lil Wales 72-6. Malta tilfet il-final 3-5 kontra l-Irlanda. Ta' min jgħid li l-koppja Drago/Cini kienet l-aktar koppja li rebħet logħbiet tad-doubles.

Ir-rebbieħa ħadu €1,400 filwaqt li Drago/Cini ħadu €700.

# Malta 4 jaslu sal-kwarti finali

1 spiċċaw fit-tieni post fejn rebħu 14-il frame u tilfu 11 filwaqt li Malta 4 spiċċaw jaqsmu l-ewwel post flimkien mal-Ingilterra fi Grupp B fejn rebħu 17-il frame u tilfu tmienja. B'hekk iż-żewġ timijiet Maltin għaddew għall-fażi finali.

Fl-Aħħar 16, Malta 1 għelbu lill-Belġju 4-1 filwaqt li Malta 4 għelbu lit-Tieni Team tal-Iskozja 4-1 ukoll. Fil-kwarti-finali, Malta 1 tilfu kontra l-ewwel team ta' Wales 4-2 fejn fl-ewwel frame Simon Zammit tilef 63-55 kontra Ian Sargeant. Jason Peplow għamel l-iskor 1-1 b'rebħa ta' 62-54 fuq Neil Tomkins. Malta marret fil-vantaġġ fit-tielet frame fejn il-koppja Zammit/Peplow għelbu lill-koppja minn Wales 71-66. Hawn Wales ħadu l-inizjattiva fejn rebħu t-tliet frames ta' wara u l-logħba 4-2.

Min-naħa tagħhom Team Malta 4 tilfu l-logħba tagħhom tal-kwarti-finali 4-2 kontra Wales 3. Iż-żewġ frames li rebħu l-Maltin ġew minn Mario Brincat li għeleb lil Peter Roscoe 68-20 u l-ieħor fid-doubles fejn il-Maltin rebħu bl-iskor 60-51.

Malta 2, magħmul minn Frans Mintoff u Ivan Attard, u Malta 3 kompost minn Arthur Cachia u Manwel Mallia, ukoll għaddew għall-fażi finali iżda t-tnejn inqalgħu fl-Aħħar 16. Malta 2 tilfu 4-2 kontra Skozja 1 fejn ir-rebħiet tal-Maltin waslu minn Frans Mintoff li għeleb lil Mike Watson 60-51 u minn Ivan Attard li għeleb lill-istess Watson 65-38.

Malta 3 tilfu 4-3 kontra Wales 1 fejn ir-rebħiet tal-players Maltin ġew minn Arthur Cachia li għeleb lil Neil Tomkins 63-40 filwaqt li ż-żewġ rebħiet l-oħra ġew fid-doubles hekk kif Cachia/Mallia għelbu lil Tomkins/Sargeant 63-18 u 53-17.

B'kollox ħadu sehem 24 team minn 14-il pajjiż Ewropew.

## Kampjonat 1959-60

# Valletta champions

L-Erbatax-il Ġurnata

**22-05-1960:**
**Valletta FC – Hibernians FC 2-1**
**H.T 0-1 Att:10,526**
**Skurjaw: J. Mizzi (H) 24', J. Urpani (V) 50' u M. Azzopardi (V) 88'.**
**Referee: Turu Lentini**

*Valletta FC*: Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Hibernians FC*: Lolly Rizzo, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Sunny Anastasi, Joe 'Puskas' Muscat, Louis Theobald, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Fredu Church, Joe Cini, Jimmy Mizzi, Leli Sultana, Frans 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. B'din ir-rebħa Valletta FC għamlu ċert mir-rebħ tal-kampjonat 1959 60 meta issa kienu jinsabu żewġ punti fuq Hibernians fil-quċċata tal-klassifika. Hibernians kienu issa temmew l-impenji tagħhom filwaqt li Valletta kien jonqoshom partita oħra kontra Marsa.

2. Minħabba l-importanza ta' din il-partita li fuqha kien jiddependi r-rebħ tal-kampjonat, Hibernians ħallsu l-passaġġ bl-ajru tal-player Sunny Anastasi li ġieb apposta għal din il partita mill-Ġermanja fejn kien jinsab mat-team tal-Armata. Min-naħa tagħhom Valletta ma setgħux jagħmlu użu mill-player Frankie Zammit li kien imwegga'.

3. Il-player ta' Valletta Joe Grech 'It-Tichy' weġġa' fl-ewwel taqsima u wara l-mistrieħ ħareġ jilgħab b'idejh marbuta m'għonqu.

4. Hibernians sofrew goal fil-kampjonat wara 593 minuta. L-aħħar goal li sofrew kien kontra l-istess Valletta fil-partita tal-Ewwel Round minn Frankie Zammit tliet minuti mit-tmiem.

5. Hekk kif rebħa biss setgħet tissodisfa lil Hibernians, huma dehru li kisbu dak li riedu hekk kif Fredu Church poġġihom fil-vantaġġ fit-73 minuta iżda l-goal ġie mħassar għal offside dubjuż. Skond 'Leħen is-Sewwa' il-goal tħassar għall-foul ta' Jimmy Mizzi fuq Joe Cilia. Kienet x'kienet ir-raġuni, segwew protesti ħorox mill-players ta' Hibernians li damu għaddejjin diversi minuti. Fi tmiem il-partita kien hemm tfiegħ ta' ġebel miż-żewġ naħat.

6. Joe Cini ħabbar li ma kienx ser jilgħab aktar ma' Hibernians wara li kellu xi nkwiet ma' partitarji rrabjati Pawlisti.

7. Wara din il-partita, is-Segretarju ta' Hibernians, Alfred Barbara, kiteb lill-Kunsill tal-MFA fejn informahom li matul il-partita lill-players ta' Hibernians tefgħulhom oġġetti iebsin, beżqulhom kull meta marru għall-ballun filwaqt li fi tmiem il-partita xi partitarji Beltin ħebbew għall-players ta' Hibernians. Is-Segretarju tefa' t-tort ta' dan kollu fuq il-Pulizija.

Immedjata kienet ir-risposta tal-Pulizija li permezz ta' stqarrija għall-istampa ffirmata mill-Kummisarju nnifsu, Vivian De Gra, ġie ċċarat li l-players ta' Hibernians ġew attakkati minn xi partitarji rrabjati ta' Hibernians stess, fejn il-ftit pulizija preżenti għamlu li setgħu tant li kkontrollaw l-inkwiet f'ħin qasir. Il-Kummissarju żied jgħid li l-players ta' Hibernians ingħalaw il protezzjoni tal-Pulizija anke meta waslu lura Raħal il-Ġdid fejn sabu tistennihom folla ostili.

**26-05-1960:**
**Floriana FC – Marsa FC 8-1**
**H.T 5-1 Att: 1,149**
**Skurjaw: T. Sultana (F) 6', F. Vella James (F) pen. 8', T. Cauchi (F) 9', L. Borg (F) 11' u 15', J. Azzopardi (M) 42', T. Cauchi (F) 53' u 59' u L. Borg (F) 65'.**
**Referee: George Degiorgio**

*Floriana FC*: Albert Borg, Leonard Mizzi, Pullu Mousu Jimmy Farrugia, Eddie Bonnett, Freddie Vella James, Johnnie Sultana, Twanny Sultana, Tony 'Majsi' Cauchi, Lolly Borg, Ronnie Fleri.

*Marsa FC*: Schembri, Sammut, Camilleri, Ernie Glynn, Martin Attard, Alfred Vassallo, Sunny Attard, Żaren 'In-Najs' Formosa, J. Azzopardi, Freddie 'Is-Sir' Cauchi, Pawlu Attard.

1. Wara 15-il minuta Floriana kienu diġá qed igawdu vantaġġ ta' 5-0 – medja ta' goal kull tliet minuti.

2. Twanny Sultana rritorna fit-team Furjaniż wara li ġie lura minn btala fl-Ingilterra.

3. Għal darb'oħra Floriana kienu qed jilagħbu mingħajr Lolly Debattista u Żarenu Alamango li kienu mat-team tal-Armata fil-Ġermanja u mingħajr Billy Dalli li kien jinsab fl-Afrika ta' Fuq mar-Reġimenti. Minn naħa tagħhom Marsa FC kienu qed jilagħbu mingħajr is-centre forward Fredu Abela l-'Isteak' li kien jinsab l-Ingilterra għal prova ma' Coventry City.

4. Fil-75 minuta Floriana spiċċaw jilagħbu b'għaxar players meta weġġa' Lolly Borg u kellu joħroġ.

5. B'din ir-rebħa Floriana kisbu post fil-Cassar Cup.

**28-05-1960:**
**Sliema Wdrs. FC Birkirkara FC 2 0**
**H.T 1-0 Att: 2,716**
**Skurjaw: W. Hili (S) 28' u R. Buttigieg (S) 73'**
**Referee: George Degiorgio**

*Sliema Wdrs. FC*: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Alex Gollcher, Rudyard Mifsud, Salvu Bonnici, Ray Edwards, Maurice Walsh, Robbie Buttigieg, Ġulinu Muscat, Sammy Nicholl, Wally Hili.

*Birkirkara FC*: Nenu Bugeja, Pawlu Barbara, Leli Mallia, George Dalli, Leli 'Id-Diju' Borg, Louis Bugeja, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Carmelo Galea, Nenu Chircop, Leli Theuma, Lino Sciberras.

1. Birkirkara kellhom bżonn rebħa biex isalvaw filwaqt li bi draw kienu jisforzaw relegation decider kontra Ħamrun Spartans.

2. Minħabba l-importanza tal-partita Birkirkara ħallsu l-passaġġi bl-ajru tal-players tagħhom Nenu Bugeja u Frans Bonnici biex ġabuhom apposta għal din il-partita mill-Ġermanja, fejn kienu mat-team tal-Armata.

3. Preżenti għal din il-partita kien hemm mijiet ta' partitarji ta' Ħamrun Spartans li nstemgħu l-ħin kollu jgħajtu favur Sliema Wanderers.

**04-06-1960:**
**Valletta FC – Marsa FC 9-0**
**H.T 5-0 Att: 5,655**
**Skurjaw: F. Borg (V) 14', M. Azzopardi (V) 22', F. Borg (V) 28', F. Zammit (V) 34' u 35', J. Urpani (V) 53', M. Azzopardi (V) 59', F. Zammit (V) 80' u J. Zammit (V) 83'**
**Referee: Carmel Galea**

*Valletta FC:* Tommy Taylor, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Ginger' Zammit, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Marsa FC:* Salvu Alamango, Nenu Fabri, Martin Attard, Ernie Glynn, Franz Borg, Alfred Vassallo, Sunny Attard, Żaren 'In-Najs' Formosa, Freddie 'Steak' Abela, J. Azzopardi, Pawlu Attard.

1. Valletta niżlu għal din il-partita f'vena ta' ċelebrazzjoni meta kienu diġá ċerti mir-rebħ tal-kampjonat.

2. Għal Marsa rritorna Fredu Abela wara li kien l-Ingilterra

għal prova ma' Coventry City, filwaqt li kellhom nieqes lil Fredu Cauchi, it-tifel ta' Karmenu Cauchi 'Il-Kaneni', li sieħeb lil Floriana.

3. L-attakkanti ta' Valletta Mario Azzopardi u Frankie Zammit skorjaw żewġ goals u tliet goals rispettivament biex spiċċaw il-kampjonat flimkien fil-quċċata tal-aqwa skorers bi 12-il goal kull wieħed – goal iktar minn Tony Cauchi ta' Floriana.

4. B'dawn id-disa' goals li sofrew, Marsa kienu sofrew total ta' 17-il goal fl-aħħar żewġ logħbiet tal-kampjonat wara t-telfa ta' 8-1 kontra Floriana fl-aħħar ħarġa. Bejn dawn iż-żewġ logħbiet huma kienu sofrew ħames goals oħra f'telfa ta- 5-2 kontra St. George's fl-FA Trophy.

5. Fi tmiem il-partita, il-President tal-MFA Dr. Henry Copperstone ppreżenta t-Tazza Johnnie Walker lill-captain ta' Valletta FC Josie Urpani. Valletta ġew ippreżentati wkoll bil-miniature cup u bit-Tazza ta' Champions tal-League tar-Reserves.

6. Ġurnata wara din il-partita u ċ-ċelebrazzjonijiet kbar tal-league li segwew, Josie Urpani iżżewweġ.

**L-AQWA SKORERS**

**183 Goal**

12 goals: Mario Azzopardi u Frankie Zammit (Valletta FC)

11 goals: T. Cauchi (Floriana FC)

10 goals: F. Abela (Marsa FC)

8 goals: E. Mizzi (St. George's FC)

7 goals: L. Borg (Floriana FC); L. Sultana u F. Xuereb (Hibernians FC); N. Mizzi (St. George's FC), Ġ. Muscat (Sliema Wdrs. FC) u J. Urpani (Valletta FC).

5 goals: F. Bonnici (Birkirkara FC); J. Mizzi (Hibernians FC) u J. Zammit (Valletta FC)

4 goals: F. Church (Hibernians FC)

3 goals: N. Chircop (Birkirkara FC); T. Cassar (Ħamrun Sp. FC); L. Stivala u F. Delia (St. George's FC); R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) u A. Borg (Valletta FC).

2 goals: B. Dalli u T. Sultana (Floriana FC); A. Borg, u Alb. Calleja (Ħamrun Sp. FC); E. Theobald u J. Cini (Hibernians FC) u M. Walsh, R. Edwards u S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC).

1 goal: L. Bugeja, J. Micallef u L. Mallia (Birkirkara FC); L. Schembri, Ż. Alamango u F. Vella James (Floriana FC); P. Mallia, G. Briffa, S. Micallef u C. Grech (Ħamrun Sp. FC); J. Ebejer u L. Theobald (Hibernians FC); S. Attard, P. Attard, Alf. Vassallo, F. Cauchi u J. Azzopardi (Marsa FC); J. Ciantar, F. Sultana, Attard, u F, Demanuele (St. George's FC); A. Sant u W. Hili (Sliema Wdrs. FC); N. Mackay (Valletta FC).

**Disa' Own Goals:**

18-10-1959: Franz Borg (Marsa FC) favur Hibernians FC (1-1)

19-12-1959: Nenu Fabri (Marsa FC) favur Sliema Wdrs. FC (1-2)

30-01-1960: Joe Mizzi (St. George's FC) favur Ħamrun Sp. FC (3-3)

06-02-1960: Salvu Bonnici (Sliema Wdrs. FC) favur Hibernians FC (2-1)

13-02-1960: Freddie Falzon (Ħamrun Sp) favur Marsa FC (1-1)

19-03-1960: Lolly Debattista (Floriana FC) favur Ħamrun Sp. FC (6-1)

09-04-1960: Ray Edwards (Sliema Wdrs. FC) favur Ħamrun Sp. FC (2-2)

01-05-1960: Pawlu Mallia (Ħamrun Sp. FC) favur Marsa FC (1-1)

01-05-1960: Charles Cassar (Marsa FC) favur Ħamrun Sp. FC (1-1)

**KIF SPIĊĊAW**

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Valletta | 14 | 11 | 2 | 1 | 40 | 8 | 24 |
| Hibernians | 14 | 9 | 2 | 3 | 31 | 9 | 20 |
| Floriana | 14 | 5 | 6 | 3 | 25 | 15 | 16 |
| St George's | 14 | 6 | 3 | 5 | 25 | 26 | 15 |
| Sliema W. | 14 | 5 | 5 | 4 | 19 | 20 | 15 |
| Marsa | 14 | 2 | 5 | 7 | 17 | 42 | 9 |
| Hamrun S. | 14 | 0 | 7 | 7 | 15 | 31 | 7 |
| Birkirkara | 14 | 2 | 2 | 10 | 11 | 32 | 6 |

* Valletta champions
* Birkirkara relegati

# AĦBARIJIET

F'partita ta' ħbiberija li ntlagħbet, fl-1 ta' Mejju 1960, f'Għawdex, Valletta FC għelbu lil Għajnsielem bl-iskor ta' 3-1 bil-goals kollha jaslu wara l-mistrieħ. L-Għawdxin, li kellhom is-soliti Pullu Demanuele u l-goalkeeper Freddie Mizzi bħala guest players, marru fil-vantagg b'autogoal ta' Johnnie Darmanin biex wara li Mario Azzopardi ġab l-iskor indaqs, Valletta kisbu r-rebħa b'żewġ goals skurjati fl-aħħar minuta minn Nenu MacKay u Frankie Zammit. Ta' min jgħid li f'dan l-istaġun il-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni f'Għawdex ma sarx minħabba li kienu nkitbu għalih żewġ timijiet biss – Victoria Hotspurs u Għajnsielem, biż-żewġ clubs Għawdxin jispiċċaw jilagħbu għadd ta' friendlies kontra clubs Maltin. Kull darba li Demanuele kien qed jilgħab bħala guest player mal-clubs Għawdin huwa ma kienx qed jitlob il-permess ta' Floriana li kien miksur magħhom, bil-konsegwenza li Floriana kienu qegħin kull darba jirrapurtawh lill-Kunsill tal-MFA u jġeddulu s-sospensjoni b'xahar ieħor.

Fit-3 ta' Mejju 1960, il-Qorti tal-Appell preseduta mill-Imħallef W. Harding illiberat lill-Gunner Anthony Attard minn kull akkuża. Attard kien tressaq il-Qorti wara li l-Pulizija kienet għamlet rejd fis-side tal-lagħba hekk kif kienet għadha kemm bdiet il-partita bejn Hibernians u Floriana tal-10 ta' April, 1960, fejn Attard beda jdur qalb in-nies jgħajjat 'Min irid il-wieħed'. Fi tfittxija li kienet saret fuqu l-Pulizija kienu sabulu £56. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet sabitu ħati u filwaqt li mmultatu £3 ordnat il-konfiska tal-flus li sabu fuqu.

Fl-14 ta' Mejju, 1960, waqt il-ħin barrani tal-partita tat-Tielet Diviżjoni Knock-Out bejn Zejtun Corinthians u Melita, bl-iskor 1-1 Galea deher li skorja l-goal tar-rebħa għal Melita iżda wara li r-referee Lanzon u l-linesmen Farrugia dehru jiġu mbuttati mill-players ta' Zejtun, huma ħassru l-goal. Ftit wara, fil-115-il minuta, kienu Zejtun li skorjaw il-goal tar-rebħa minn Abela. Dan il-goal wassal għal aktar inkwiet meta fi tmiem il-partita il-left wing ta' Melita Micallef deher ixejjer bil-ponn lil-linesman Farrugia.

Waqt Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA tal-Ħamis 2 ta' Ġunju 1960 il-player ta' Sliema Wanderers Ġużi Bonnici tressaq akkużat li wara l-partita bejn Valletta u Hibernians, huwa nġurja gravament lill-President tal-MFA Dr. Henry Copperstone, lill-Viċi President tal-MFA Dr. Maurice Decesare u lis-Segretarju s-Sur Eugenio Bonello. Il-player ta' Sliema Wanderers qal li dak il-kliem hu ma kienx qed jindirizzah lill-uffiċjali tal-MFA u skuża ruħu jekk kien mifthiem hekk. L-MFA aċċettat l-ispjegazzjoni tal-player u ma ħadet l-ebda passi kontrih.

Fl-istess Laqgħa tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 1960, ingħatat il-maħfra wkoll lil Fredu Preca, Leli Borg u J. Attard, tliet ex-membri tal-Kumitat ta' Birkirkara FC li kienu tneħħew mill-MFA wara ħlas lill-player amateur Louis Gauci.

Fis-7 ta' Ġunju 1960 il-Kunsill tal-MFA wissa lill-player Pullu Demanuele li ma setax jilgħab ma' clubs Għawdxin bħala guest player mingħajr il-permess ta' Floriana. Demanuele wieġeb li hu kien taħt l-impressjoni li ma kellux bżonn jitlob permess tal-club la darba dawn kienu waqfu jħallsuh. Sadanittant jumejn wara delegazzjoni ta' erba' players ta' Floriana, f'isem it-team, għamlu talba lill-Kumitat biex jirranġaw id-differenzi ma' Demanuele sabiex il-player jirritorna fit-team għal-logħob tat-Trophy. Il-Kumitat ta' Floriana fl-istess jum ħabbar li kien qed jirriżenja *en bloc* minħabba żviluppi riċenti. Immedjatament Pullu Demanuele reġa' daħal fit-team ta' Floriana.

Fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-MFA, tal-14 ta' Ġunju 1960, delegazzjoni tal-Malta Football Referees Association (MFRA) iffurmata minn Joe Cassar Naudi, Joe Galea, Anthony Galea u Joe Borg dehru quddiem il-Kunsill fejn iddeploraw id-deċiżjoni tal-MFA li kienet ser iġġib referee Taljan, Giuseppe Adami, sabiex jikkontrolla l-Final tat-Trophy bejn Valletta u Floriana.

Fl-istess Laqgħa tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1960, il-President tal-MFA feraħ lis-Segretarju Eugenio Bonello għat-titlu ta' Member of the Order of The British Empire (MBE) li bih kienet għadha kemm onoratu r-Reġina tal-Ingilterra bħala rikonoxximent għas-servizz tiegħu lejn il-logħba tal-foobtall f'Malta.

Tliet players oħra regolari fil-Kampjonat Malti kienu ser jemigraw. Ray Edwards kien sejjer lura l-Kanada wara li kien irritorna f'Malta fl-1958, Billy Dalli kien ser jemigra lejn l-Awstralja filwaqt li Freddie 'Steak' Abela wkoll ħalla l-club ta' Marsa meta, fis-27 ta' Ġunju 1960, emigra lejn l-Awstralja.

Ritratti: Ian Noel Pace

# Jirbħu Birżebbuġa



*It-timijiet ta' Birżebbuġa (rebbieħa tar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien) u tal-Kalkara (rebbieħa ta' Kategorija B) jiċċelebraw is-suċċess tagħhom*

Fost tensjoni kontinwa li kkaratterizzat ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien, mill-bidu sal-aħħar, kienu finalment Birżebbuġa li ssorprendew bil-kbir u harġu rebbieħa meta rebħu x-Shield tal-Kategorija Open.

Kienu Marsa u Bormla l-aktar favoriti li jirbħu dan l-unur però wara diżgwid bejn dawn iż-żewg timijiet fil-korsiji rispettivi u speċjalment fl-10 tigrija kienu finalment Birżebbuġa li kisbu rebħa storika f'din ir-Regatta li kienet qed tfakkar is-36 sena anniversarju ta' Jum il-Ħelsien.

Huwa fatt magħrf li Marsa kienu l-aktar favoriti li jirbħu din ir-Regatta għat-tieni sena konsekuttiva, speċjalment għall-fatt li huma kellhom minn fost l-aqwa ekwipaġġ.

Dan hekk kif fosthom kien hemm il-qaddiefa Dennis Thornton u Clive Casha fejn dawn ipparteċipaw fil-kategorija Open fit-tiġrija tal-midalji, tal-Pass b'żewġ imqadef u tal-Pass b'erba' mqadef.

Birżebbuġa kienu rebħu r-Regatta ta' Jum il-Vitorja nhar it-8 ta' Settembru, 2008, iżda għamlu dan f'Kategorija B u mhux dik Open.

B'hekk m'hemmx dubju li dan is-suċċess se jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-annali tal-istorja tagħhom.

Huma temmew fl-ewwel post b'54 punt, l-Isla spiċċaw fit-tieni post b'40 punt waqt li l-Marsa - rebbieħa tar-Regatta ta' Jum il-Ħelsien tas-sena li għaddiet - kellhom jikkuntentaw biss bit-tielet post, hekk kif kisbu total ta' 36 punt.

F'din il-kategorija, Birgu xejn ma mpressjonaw hekk kif ma kisbu l-ebda punt.

F'Kategorija B kienu l-Kalkara li ħarġu rebbieħa b'44 punt, b'Marsamxett jispiċċaw żewġ punti biss warajhom bi 42 punt waqt li Birzebbuga temmew fit-tielet post b'36 punt.

F'din il-kategorija, iddiżappuntaw bil-kbir Bormla fejn ma kisbu l-ebda punt.

Fi tmiem din ir-Regatta, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, Chris Agius, iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-Isport, Dr Luciano Busuttil, kif ukoll l-Aġent Kap tal-KMS, Mark Cutajar, ippreżentaw ix-shields, it-trofej u l-midalji lir-rebbieħa rispettivi taż-żewġ kategoriji, jiġifieri Birżebbuġa fil-Kategorija Open u l-Kalkara f'Kategorija B.



# għall-ewwel darba

## Il-KALKARA JIRBĦU KATEGORIJA B




*It-tluq t-tiġrija tal-kajjikki*



*It-tluq t-tiġrija tal-Pass b'erba' mqadef*




*Id-dgħajjes tal-Pass b'erba' mqadef ta' Bormla u tal-Marsa jidħlu f'xulxin*

*It-team tal-Kalkara ppreżentati bix-Shield u bit-trofew ta' Jum il-Ħelsien mis-Segretarju Parlamentari għall-Isport Chris Agius u miċ-chairman tal-KMS Luciano Busuttil*



*Il-preżentazzjoni lit-team ta' Birżebbuġa li rebaħ it-tiġrija tal-Frejgatini A*

**Kategorija A**

**Dgħajjes (A) - Tal-Midalji b'erba' imqadef**
1. Birżebbuġa 4.49 min; 2. Isla 5.00 min; 3. Kalkara 5.32 min.

**Frejgatini b'żewġ imqadef u tmunier**
1. Birżebbuġa 6.43 min; 2. Marsa 6.47 min; 3. Bormla 6.48 min.

**Dgħajjes (C) - Tal-Pass b'żewġ imqadef**
1. Marsa 5.27 min.; 2. Bormla 5.33 min.; 3. Birżebbuġa 5.46 min.

**Kajjikki b'zewġ imqadef**
1. Bormla 6.40 min.; 2. Marsa; 3. Isla

**Tal-Pass ta' b'erba' imqadef**
1. Isla 5.20 min.; 2. Birżebbuġa 5.19 min.; 3. Marsamxett 5.20 min.

**Klassifika Finali:** 1. Birżebbuġa 54 punt; Isla 40; Marsa 36; Bormla 28; Marsamxett 8; Kalkara 6; Birgu 0.

**Kategorija B**

**Dgħajjes (C) - Tal-Pass b'żewġ imqadef**
1. Marsamxett 6.14 min; 2. Birżebbuġa 6.21 min; 3. Birgu 6.22 min.

**Kajjikki b'żewġ imqadef**
1. Kalkara 6.41 min; 2. Isla 6.44 min; 3. Marsa 6.47 min.

**Dgħajjes (A) - Tal-Midalji b'erba' imqadef**
1. Birgu 6.13 min; 2. Kalkara 6.23 min; 3. Marsamxett 6.29 min.

**Frejgatini b'żewġ imqadef u tmunier**
1. Kalkara 6.13 min.; 2. Isla 6.15 min.; 3. Birgu 6.17 min.

**Dgħajjes (B) - Tal-Pass b'erba' imqadef**
1. B'buġa 5.13 min; 2. M'xett 5.19 min. 3. Kalkara 5.20.

**Klassifika Finali:** 1: Kalkara 44 punt; 2. Marsamxett 42; 3. Birżebbuġa 36; 4. Birgu 30; 5. Isla 16; Marsa 4; Bormla 0.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Chelsea

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2015

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Chelsea ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 96



Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 96 huwa:
**Josef Calleja - Marsa**



# SPORTIV Tisliba

### Soluzzjoni - Ħarġa nru 96

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | A | R | O | N | C | I | A | N | T | A | R | | I |
| | D | | R | | A | | N | | A | | O | R | S |
| C | A | R | T | E | R | | O | X | B | O | W | | L |
| | M | | I | | L | I | N | | A | | E | | A |
| M | O | N | Z | A | | | M | U | R | A | R | O | |
| | L | | | R | O | D | A | | E | | | K | |
| D | I | Y | A | S | | O | | C | Z | I | B | O | R |
| E | | I | | E | D | D | I | E | | B | | C | |
| C | O | N | E | N | | O | | H | E | R | T | H | A |
| H | | G | | E | | | E | | | A | | A | |
| A | N | Y | U | | K | O | V | | E | | C | | D |
| W | | A | B | O | U | | A | R | C | I | O | L | A |
| A | N | N | A | | N | | N | | H | | P | | P |
| T | | G | | D | A | N | I | L | O | | E | L | I |

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed jintrebħu żewġ memberships ta' xahar għand
**FITNESS STUDIO**
Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Mejju, 2015:

**Sportiv Magazine
Kompetizzjoni Tisliba,
c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

**Isem u kunjom**

**Indirizz**

**E-mail**

**Rebbieħa Ħarġa nru 96: Doreen Nicholl - Sliema**

### Mimdudin

1) Joe, il-mibki referi li kkontrolla l-ewwel partita f'Mejju 1947 (6,5)
8) "Quatrain de ....", żiemal Franċiż ta' 11-il sena (4)
10) Klabb tal-Judo Malti ibbażat fil-Fgura (5,8)
11) Mikela, għawwiema Maltija fis-Synchronised Swimming (5)
12) u 14) Emmanuel, 27 partita - 9 goals man-Niġerja (7)
14) Ara 12 Mimdudin
17) Mario, difensur taċ-Ċili fil-FIFA WC 1982 (4) 18)
u 22) Bacary, right-back Franċiż ta' Man City (5) 19)
Jessica, weightlifter internazzjonali Maltija (5)
21) "Quito de .....", żiemel Franċiż ta' 11-il sena (5) 22)
Ara 18 Mimdudin 24)
Stazzjon tat-TV Ġermaniż li juri ħafna Sports (1,1,1)
26) Julio Jorge, difensur Arġentin fi tliet FIFA World Cups (13)
28) "... Raccoon", żiemel Franċiż ta' 10 snin (3)
29) "... Dhabi", iddebutta fil-Formula 1 f'Novembru 2009 (3)
31) UEFA ....... Cup, tournament għal futbolers Amateur (7) 32)
u 33) Horacio, midfilder ta' Club Atlético Newell's Old Boys (5)
33) Ara 32 Mimdudin
34) Salomón, goalkeeper tal-Honduras fil-FIFA WC 1982 (5)
35) Cachia, eks goalkeeper ta' Sliema ASC (5)
38) Ming, eks baskitboler Ċiniż ta' Houston Rockets fl-NBA (3)
39) Satariano, għawwiema internazzjonali ta' Sirens ASC (4)

### Weqfin

1) Venice, futboler femminili ta' Sliema Wanderers (14)
2) Elina, tennsita professjonali mill-Ukrajna (9)
3) Márcio, eks attakkant Brażiljan ta' AC Milan (7) 4)
"...... Voideen", żiemel Franċiż ta' 14-il sena (6) 5)
Lattek, player-coach Ġermaniż li miet f'Jannar li għadda (3)
6) Dennis, eks full-back Irlandiż ta' Man Utd (5) 7)
L-aqwa 'għodda' ta' Tony Drago (6)
9) Electronic Arts, l-aqwa fil-video-gaming ta' li Sport (1,1)
13) Riccardo, midfilder ta' AC Milan (9)
14) Union de Rugby de Rosario (1,1,1)
15) Klabb tal-Futbol f'Ligue 2 ta' Franza (6)
16) Olsen, eks winger tan-Norveġja (4)
20) Giordimaina, wrestler internazzjonali Malti (4)23) Club Atlético ..... Plate tal-Arġentina (5)
25) Trevor, teżorier tal-Malta Federation of Bodybuilding (7)
27) Bruno, eks winger ta' AS Roma (5)
30) "Pirate d'...., żiemel Franċiz ta' 12-il sena (4)
31) McIlroy, in-numri 1 tal-Golf bħalissa (4)
35) u 36) Mourinho, min aktar? (4)
36) Ara 35 Weqfin
37) Real Madrid vs Barcelona - ".. Clasico" (2)

# FITNESS STUDIO

Triq il-Ġifen, St  Paul's Bay

---

## Opening Hours

Mon-Fri 05.00 - 23.00

Sat 08.00 - 18.00

Sun 08.00 - 13.00

The prices for a single membership are as follows:

1 year €230

6 months €160

3 months €110

1 month €50

daily rate €7

Kindly call on 21575490 / 77580001 / email to gaucigym@gmail.com for further information

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt